



2023/2806

18.12.2023

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2806

tal-15 ta' Diċembru 2023

dwar format ta' informazzjoni dwar is-siti għas-siti Natura 2000

(notifikata bid-dokument C(2023) 8623)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 4(1) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 92/43/KEE jipprevedi li n-network Natura 2000 għandu jinkludi fih iż-żoni ta' protezzjoni speċjali kklassifikati mill-Istati Membri skont id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE ⁽²⁾.
- (2) Il-format speċifiku jipprovdi għal kull sit ta' Natura 2000 informazzjoni dwar iż-żona, il-post (frappreżentazzjoni ġeospazjali diġitali), l-informazzjoni ekoloġika dwar it-tipi ta' ħabitats u l-ispeċijiet tiegħu, id-deskrizzjoni u l-ġestjoni tas-sit.
- (3) Il-format speċifiku jissejjaħ "Formola Standard tad-Data ta' Natura 2000" u jservi bħala dokumentazzjoni għas-siti kollha ta' Natura 2000.
- (4) Huwa meħtieġ li l-format stabbilit bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/484/UE jiġi adattat sabiex jittejbu d-disponibbiltà u l-kwalità tad-data, jimtlew lakuni importanti fl-informazzjoni bħal dwar l-oġġettivi ta' konservazzjoni, l-effettività tal-miżuri u tal-ġestjoni u l-Formola Standard tad-Data ta' Natura 2000 issir aktar koerenti mar-rekwiżiti ta' rapportar skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 92/43/KEE u l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, Minħabba l-għadd u l-firxa tal-adattamenti meħtieġa, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/484/UE ⁽⁴⁾ tiġi sostitwita.
- (5) Sabiex ikun hemm tranżizzjoni teknika bla xkiel, l-Istati Membri jeħtieġu ż-żmien biex iħejju għall-użu tal-format il-ġdid. Għalhekk, jenħtieġ li għal ċertu perjodu ta' żmien, l-Istati Membri jkomplu jużaw il-"Formola Standard tad-Data ta' Natura 2000" stabbilita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/484/UE.
- (6) Il-kontenut tal-Formola Standard tad-Data ta' Natura 2000 jenħtieġ li jiġi aġġornat ta' spiss. Huwa rrakkomandat li l-Formoli Standard tad-Data jiġu aġġornati mill-inqas kull 6 snin abbażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli għal kull sit tan-network sabiex f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 92/43/KEE, il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel rieżami perjodiku tal-kontribut ta' Natura 2000 lejn il-kisba tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 ta' dik id-Direttiva.
- (7) Id-dokumentazzjoni ta' sostenn li tiffaċilita l-użu konsistenti tal-"Formola Standard tad-Data ta' Natura 2000" fl-UE kollha, inkluż il-listi ta' kodiċijiet, il-gwida teknika u l-formati tal-fajls tad-data għat-trażmissjoni tal-informazzjoni, hija disponibbli għall-Istati Membri f'Portal ta' Referenza Online għal Natura 2000 li tiegħu ħsiebu l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 92/43/KEE.

⁽¹⁾ ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi (ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal- 11 ta' Lulju 2011 dwar format ta' informazzjoni għas-siti Natura 2000 (ĠU L 198, 30.7.2011, p. 39).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-format biex tintbagħat l-informazzjoni dwar in-network Natura 2000, imsejjaħ il-“Formola Standard tad-*Data* ta’ Natura 2000” flimkien man-noti ta’ spjegazzjoni tagħha, huwa stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni 2011/484/UE titħassar.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta’ Frar 2025.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta’ Diċembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

FORMOLA STANDARD TAD-DATA TA' NATURA 2000

Għal Żoni ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS), Siti ta' Interess Komunitarju proposti (SIKp), Siti ta' Interess Komunitarju (SIK) u għal Żoni Speċjali ta' Konservazzjoni (ŻSK)

skont id-Direttiva tal-Kunsill 2009/147/KE dwar il-konservazzjoni tal-ġhasafar selvaġġi u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa

Il-Formola Standard tad-Data għandha sitt taqsimiet ewlenin kif muri hawn taħt. Kull waħda minn dawn it-taqsimiet għandha diversi kampijiet li jridu jimtlew skont l-istruzzjonijiet mogħtija fin-noti ta' spjegazzjoni. In-noti ta' spjegazzjoni jipprovdu l-gwida meħtieġa għall-mili tal-kampijiet u jagħmlu referenza għal-listi ta' kodiċijiet u għal materjal meħtieġ ieħor bħall-gwida teknika u l-formati tat-trasferiment ta' data għal data spazjali u tabulari, li huma pprovduti fil-"portal ta' referenza ta' Natura 2000" online.

Taqsimiet ewlenin tal-Formola Standard tad-Data

1. Identifikazzjoni tas-sit	Għandha timtela għal kull sit
2. Erja tas-sit u post	
3. Informazzjoni ekoloġika	
3.1 Tipi ta' habitats	Għandha timtela għal kull tip ta' habitat tal-Anness I preżenti fis-sit (għal SIKp, SIK, ŻSK)
3.2 Speċijiet	Għandha timtela għal kull — Speċijiet ta' ġhasafar rilevanti għall-Artikoli 4(1) u 4(2) tad-Direttiva 2009/147/KE li jinsabu fis-sit (għall-ŻPS) u — Speċijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 92/43/KEE preżenti fis-sit (għal SIKp, SIK, ŻSK)
3.3 Speċijiet oħrajn	Fakultattiv
4. Deskrizzjoni tas-sit	Għandha timtela għal kull sit
5. Ġestjoni tas-sit	
6. Rappreżentanza ġeospazjali	

KAMPIJIET TAD-DATA TAL-FORMOLA STANDARD TAD-DATA TA' NATURA 2000

1. Identifikazzjoni tas-sit	
1.1 Tip ta' sit	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ A: sit skont id-Direttiva dwar l-Ġhasafar (ŻPS) ☐ B: sit skont id-Direttiva dwar il-Habitats (SIKp, SIK jew ŻSK) ☐ C: sit kemm skont id-Direttiva dwar l-Ġhasafar kif ukoll id-Direttiva dwar il-Habitats (li għandu fruntieri identiċi)
1.2 Kodiċi tas-sit	Kodiċi uniku stabbli
1.3 Isem is-sit	Isem is-sit bl-alfabett Latin
1.3.1 Isem is-sit mhux bl-alfabett Latin (fakultattiv)	Isem is-sit bl-alfabett mhux Latin

1.4	Risponent	
1.4.1	Isem l-organizzazzjoni	Test liberu u tikketta tal-lingwa
1.4.2	Punt ta' kuntatt fl-organizzazzjoni (fakultattiv)	Parti mill-organizzazzjoni responsabbli għall-kompilazzjoni tad-data fl-FSD
1.4.3	Indirizz postali	Test liberu u tikketta tal-lingwa
1.4.4	Indirizz tal-posta elettronika tal-kaxxa postali funzjonali	Indirizz tal-Posta Elettronika Funzjonali tal-kaxxa postali funzjonali, mhux personali
1.4.5	Sit web b'informazzjoni ta' kuntatt	Sit web li jkun fih l-informazzjoni uffiċjali ta' kuntatt tal-organizzazzjoni
1.5	Klassifikazzjoni tas-sit/proposta/dati ta' deżinjazzjoni	
1.5.1	Data tal-ewwel klassifikazzjoni tas-sit bħala ŻPS	Data
1.5.2	Att ta' klassifikazzjoni ŻPS	URI (URL jew DOI) għall-att ta' klassifikazzjoni nazzjonali jew referenza għal test liberu tikketta tal-lingwa
1.5.3	Data li fiha s-sit ġie propost għall-ewwel darba bħala SIK	Data
1.5.4	Data tad-deżinjazzjoni tas-sit bħala ŻSK	Data
1.5.5	Att ta' deżinjazzjoni taż-ŻSK	URI (URL jew DOI) għall-att ta' deżinjazzjoni nazzjonali jew referenza għal test liberu u tikketta tal-lingwa
1.5.6	Spjegazzjonijiet (fakultattiv)	Test liberu u tikketta tal-lingwa; jistgħu jingħataw spjegazzjonijiet, pereżempju, għad-dati ta' klassifikazzjoni jew deżinjazzjoni ta' siti li jkunu magħmula minn siti li qabel kienu ŻPS u/jew SIK separati

2. Erja tas-sit u post

2.1	Erja tas-sit	
2.1.1	Erja	Erja tas-sit f'ettari
2.1.2	Raġuni għad-differenza fl-erja mas-sett ta' data spazjali (jekk ikun hemm)	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ Irdum jew żona wieqfa ☐ Għar ☐ Projezzjoni għal ETRS89 ☐ Oħrajn - ir-rappreżentazzjoni spazjali ma tikkorrispondix għad-daqs tal-erja fil-kamp 2.1.1 għal raġunijiet oħrajn. Agħti spjegazzjoni fil-kamp 2.1.3
2.1.3	Raġuni għad-differenza fl-erja - spjegazzjonijiet	Kamp tat-test liberu u tikketta tal-lingwa. Trid timtela jekk "Oħrajn" tkun indikata fil-kamp 2.1.2.
2.2	Reġjun amministrattiv (fakultattiv)	
2.2.1	Kodiċi tar-reġjun amministrattiv	Kodiċi mil-lista ta' kodiċijiet NUTS (ara l-portal ta' referenza ta' Natura 2000)
2.2.2	Isem ir-reġjun amministrattiv	Isem mil-lista ta' kodiċijiet NUTS (ara l-portal ta' referenza ta' Natura 2000)
2.3	Reġjuni bijoġeografiċi u marini	
2.3.1	Kodiċi tar-reġjun	Lista ta' kodiċijiet għar-reġjuni bijoġeografiċi u marini (ara l-portal ta' referenza ta' Natura 2000)
2.3.2	Perċentwal	Għal siti li jinsabu f'żewġ reġjuni jew aktar, agħti l-perċentwal tal-kopertura f'kull wieħed minn dawn ir-reġjuni

3. Informazzjoni ekoloġika

3.1 Tipi ta' habitats tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE preżenti fis-sit

3.1.a Informazzjoni essenzjali (tip ta' habitat)

3.1.1 Kodiċi tat-tip ta' habitat	Imla skont il-lista ta' kodiċijiet għat-tipi ta' habitats tal-Anness I (ara l-portal ta' referenza ta' Natura 2000)
3.1.2 Forom ta' prijorità	Indika jekk it-tip ta' habitat huwiex forma ta' prijorità ta' 6210, 7130 jew 9430
3.1.3 Nuqqas ta' preżenza	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ l-ispeċi ma għadhiex preżenti fis-sit ☐ it-tip ta' habitat mhuwiex preżenti u ma kienx preżenti fiż-żmien tad-deżinjazzjoni iżda huwa ppjanat li jerġa' jiġi stabbilit. Iridu jimtlew biss il-kampijiet 3.1.1 (Kodiċi tal-habitat), 3.1.2 (Forom ta' prijorità), 3.1.6 (Metodu użat), 3.1.7 (Perjodu tal-aħħar għir tad- <i>data</i>), 3.1.13 (Objettivi ta' konservazzjoni), 3.1.16 (Data ta' aġġornament). Il-kamp 3.1.4 (Kopertura) irid ikun 0 (zero). Il-kampijiet l-oħra tat-taqsim 3.1 jenħtieġ li jitħallew vojta.
3.1.4 Kopertura	Kopertura tat-tip ta' habitat f'ettari
3.1.5 Għerien	Għadd ta' għerien (il-kodiċijiet tat-tip ta' habitat 8310 u 8330)
3.1.6 Metodu użat għall-kopertura	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ s'tħarriġ komplut jew stima statistikament robusta; ☐ ibbażat l-aktar fuq estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' <i>data</i> ; ☐ ibbażat l-aktar fuq opinjoni esperta, b' <i>data</i> limitata ħafna.
3.1.7 Perjodu tal-aħħar għir tad- <i>data</i>	Id- <i>data</i> tal-bidu u d- <i>data</i> ta' tmiem il-perjodu (ix-xahar u s-sena), jekk din l-informazzjoni ma tkunx magħrufa, indika "s'tħarriġ qabel l-2022"

3.1.b Valutazzjoni tas-sit (tip ta' habitat)

3.1.8 Sinifikat	Indika jekk l-okkorrenza tat-tip ta' habitat hijiex sinifikanti; Għal okkorrenzi sinifikanti, il-kampijiet kollha tat-taqsim 3.1.b iridu jimtlew filwaqt li għall-okkorrenzi mhux sinifikanti jridu jimtlew biss il-kampijiet 3.1.8 (Sinifikat) u 3.1.16 (Data ta' aġġornament) tat-taqsim 3.1.b.
3.1.9 Rappreżentattività	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ A: rappreżentattività eċċellenti ☐ B: rappreżentattività tajba ☐ C: rappreżentattività sinifikanti

3.1.10 Superfiċe relattiva	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ A1: $100 \% \geq p > 75 \%$ ☐ A2: $75 \% \geq p > 50 \%$ ☐ A3: $50 \% \geq p > 25 \%$ ☐ A4: $25 \% \geq p > 15 \%$ ☐ B: $15 \% \geq p > 2 \%$ ☐ C: $2 \% \geq p > 0 \%$
3.1.11 Spjegazzjonijiet tas-superfiċe relattiva (fakultattiv)	Test liberu u tikketta tal-lingwa
3.1.12 Grad ta' konservazzjoni	
3.1.12.1 Grad ta' konservazzjoni – ikkategorizzat	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ A: grad ta' konservazzjoni eċċellenti (kważi l-erja kollha tal-habitat f'kundizzjoni tajba) ☐ B: grad ta' konservazzjoni tajjeb (il-biċċa l-kbira tal-erja tal-habitat f'kundizzjoni tajba) ☐ C: grad ta' konservazzjoni mnaqqas (il-biċċa l-kbira tal-erja tal-habitat f'kundizzjoni mhux tajba) ☐ X: grad ta' konservazzjoni mhux magħruf (il-biċċa l-kbira jew l-erja kollha tal-habitat f'kundizzjoni mhux magħrufa)
3.1.12.2 Grad ta' konservazzjoni – erja	Agħti l-erja fettari għal kull kategorija: ☐ Kundizzjoni tajba: ...[ħa] ☐ Kundizzjoni mhux tajba: ...[ħa] ☐ Kundizzjoni mhux magħrufa: ...[ħa]
3.1.12.3 Grad ta' konservazzjoni – metodu użat	☐ Stħarriġ sħiħ jew stima statistikament robusta fettari (pereżempju meħuda mill-immappjar fil-pjanijiet ta' ġestjoni) ☐ Ibbażat l-aktar fuq estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' <i>data</i> (għudizzju espert) ☐ Ibbażat l-aktar fuq opinjoni esperta b' <i>data</i> limitata ħafna (ibbażata fuq <i>data</i> ta' mmappjar parzjali) ☐ <i>Data</i> insuffiċjenti jew l-ebda <i>data</i> disponibbli
3.1.13 Obiettivi ta' konservazzjoni	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ Prevenzjoni tad-deterjorament ☐ Tinżamm l-erja tas-superfiċe tat-tip ta' habitat u l-kundizzjoni tajba tiegħu ☐ Tkabbir tal-erja tat-tip ta' habitat ☐ Titjib fil-kundizzjoni tat-tip ta' habitat ☐ Stabbiliment mill-ġdid tat-tip ta' habitat ☐ Oħrajn
3.1.14 Obiettivi ta' konservazzjoni - spjegazzjonijiet	Test liberu u tikketta tal-lingwa

3.1.15 Globali	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ A: valur eċċellenti ☐ B: valur tajjeb ☐ C: valur sinifikanti.
3.1.16 Data ta' aġġornament	Sena u xahar

3.2 Speċijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KEE u speċijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 92/43/KEE preżenti fis-sit

3.2a Informazzjoni essenzjali (speċijiet)	
3.2.1 Grupp tal-ispeċijiet	Lista ta' kodiċijiet (ara l-portal ta' referenza ta' Natura 2000)
3.2.2 Kodiċi tal-ispeċijiet	Lista ta' kodiċijiet (ara l-portal ta' referenza ta' Natura 2000)
3.2.3 Isem xjentifiku	Isem l-ispeċi mil-lista ta' kodiċijiet rilevanti fuq il-portal ta' referenza li jikkorrispondi għall-kodiċi użat fi 3.2.2
3.2.4 Data dwar is-sensittività tal-ispeċijiet	Indika fil-każ ta' data sensittiva dwar l-ispeċijiet
3.2.5 Nuqqas ta' preżenza	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ l-ispeċi ma għadhiex preżenti fis-sit ☐ l-ispeċi mhijiex preżenti u ma kinitx preżenti fiż-żmien tad-deżinjazzjoni iżda huwa ppjanat li terġa' tiġi stabbilita. Il-kampijiet li ġejjin iridu jimplimentaw: 3.2.1 sa 3.2.5, 3.2.9 (il-metodu użat), 3.2.10 (il-perjodu tal-aħħar għir tad-data) u 3.2.16 (l-oġġettivi ta' konservazzjoni). Kemm id-daqs minimu kif ukoll id-daqs massimu tal-popolazzjoni jenħtieġ li jkunu 0 (żero) fil-kamp 3.2.7.1. Il-kampijiet l-oħra tat-taqsim 3.2 jenħtieġ li jitħallew vojta.
3.2.6 Tip ta' popolazzjoni	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ Permanenti ☐ Riproduzzjoni ☐ Konċentrazzjoni ☐ Xitwa
3.2.7 Daqs u unità tal-popolazzjoni	
3.2.7.1 Daqs tal-popolazzjoni	Agħti d-daqs minimu u d-daqs massimu tal-popolazzjoni
3.2.7.2 Unità tal-popolazzjoni	Lista ta' kodiċijiet (ara l-portal ta' referenza ta' Natura 2000)
3.2.8 Kategorija ta' abbondanza	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ Komuni ☐ Rari ☐ Rari ħafna ☐ Preżenti

3.2.9 Metodu użat għad-daqs tal-popolazzjoni	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ Stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta ☐ Ibbażat l-aktar fuq opinjoni esperta b'<i>data</i> limitata ħafna ☐ Ibbażat l-aktar fuq estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' <i>data</i> ☐ <i>Data</i> insuffiċjenti jew l-ebda <i>data</i> disponibbli
3.2.10 Perjodu tal-aħħar għbir tad- <i>data</i>	Id- <i>data</i> tal-bidu u d- <i>data</i> ta' tmiem il-perjodu (is-sena u x-xahar) jew jekk din l-informazzjoni ma tkunx magħrufa, indika "stħarriġ qabel l-2022"
3.2b Valutazzjoni tas-sit (speċijiet)	
3.2.11 Sinifikat	Indika jekk l-okkorrenza tal-ispeċi mhijiex sinifikanti. Għall-okkorrenzi sinifikanti tal-ispeċi, il-kampijiet kollha tat-taqsim 3.2.b iridu jintlew filwaqt li għall-okkorrenzi mhux sinifikanti tal-ispeċi għandhom jintlew biss il-kampijiet 3.2.11 (Sinifikat) u 3.2.20 (Data ta' aġġornament) tat-taqsim 3.2.b.
3.2.12 Speċijiet li jissodisfaw il-kriterji ornitoloġiċi għall-klassifikazzjoni ŻPS	Indika jekk l-ispeċi tal-għasafar tissodisfax il-kriterji ornitoloġiċi użati biex jiġġustifikaw il-klassifikazzjoni ŻPS.
3.2.13 Popolazzjoni	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ A1: $100 \% \geq p > 75 \%$ ☐ A2: $75 \% \geq p > 50 \%$ ☐ A3: $50 \% \geq p > 25 \%$ ☐ A4: $25 \% \geq p > 15 \%$ ☐ B: $15 \% \geq p > 2 \%$ ☐ C: $2 \% \geq p > 0 \%$
3.2.14 Popolazzjoni – spjegazzjonijiet (fakultattiv)	Test liberu u tikketta tal-lingwa
3.2.15 Grad ta' konservazzjoni	
3.2.15.1 Grad ta' konservazzjoni - ikkategorizzat	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ A: grad ta' konservazzjoni eċċellenti (kważi l-habitat kollu okkupat mill-ispeċijiet għandu kwalità suffiċjenti) ☐ B: grad ta' konservazzjoni tajjeb (il-biċċa l-kbira tal-habitat okkupat mill-ispeċijiet għandu kwalità suffiċjenti) ☐ C: grad ta' konservazzjoni mnaqqas (il-biċċa l-kbira tal-habitat okkupat mill-ispeċijiet ma għandux kwalità suffiċjenti) ☐ X: grad ta' konservazzjoni mhux magħruf (il-biċċa l-kbira tal-habitat jew il-habitat kollu okkupat mill-ispeċijiet ma għandux kwalità magħrufa)
3.2.15.2 Grad ta' konservazzjoni – erja okkupata (fakultattiv)	Agħti l-erja tal-habitat okkupat mill-ispeċijiet f'perċentwal għal kull waħda mill-kategoriji: ☐ Kwalità suffiċjenti: ...% ☐ Kwalità mhux suffiċjenti: ...% ☐ Kwalità tal-habitat mhux magħrufa: ...%

3.2.15.3	Grad ta' konservazzjoni – klassijiet ta' perċentwal okkupati	Erja stmata tal-habitat okkupat mill-ispeċijiet bi kwalità suffiċjenti ☐0-25 % ☐26-50 % ☐51-75 % ☐76-100 % Erja stmata tal-habitat okkupat mill-ispeċijiet bi kwalità mhux suffiċjenti ☐0-25 % ☐26-50 % ☐51-75 % ☐76-100 % Erja stmata tal-habitat okkupat mill-ispeċijiet li għalihom il-kwalità ma hijiex magħrufa ☐0-25 % ☐26-50 % ☐51-75 % ☐76-100 %
3.2.16	Objettivi ta' konservazzjoni	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ Prevenzjoni tad-deterjorament ☐ Żamma tal-firxa u tal-kwalità tajba tal-habitat tal-ispeċi u tad-daqs tal-popolazzjoni ☐ Tkabbir tal-erja tal-habitat tal-ispeċi ☐ Stabbiliment mill-ġdid tal-habitat għall-ispeċi ☐ Titjib fil-kwalità tal-habitat tal-ispeċi (filwaqt li jitqiesu wkoll fatturi ta' disturb u mortalità) ☐ Żieda fid-daqs tal-popolazzjoni ☐ Tnaqqis tal-pressure fuq il-popolazzjoni (eż. titnaqqas il-mortalità jew jitnaqqas id-disturb) ☐ Stabbiliment mill-ġdid tal-popolazzjoni fis-sit ☐ Oħrajn
3.2.17	Objettivi ta' konservazzjoni - spjegazzjonijiet	Test liberu u tikketta tal-lingwa
3.2.18	Iżolament	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ A: popolazzjoni (kważi) iżolata, ☐ B: popolazzjoni mhux iżolata, imma fil-marġini tal-erja tad-distribuzzjoni, ☐ C: popolazzjoni mhux iżolata fmedda ta' distribuzzjoni estiża
3.2.19	Globali	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ A: valur eċċellenti ☐ B: valur tajjeb ☐ C: valur sinifikanti.
3.2.20	Data ta' aġġornament	Sena u xahar

3.3 Speċijiet importanti ta' flora u fauna oħrajn (fakultattiv)

3.3.1	Grupp tal-ispeċijiet	Jekk l-ispeċi tappartjeni għal wieħed mill-gruppi tal-ispeċijiet fil-lista ta' kodiċijiet disponibbli fuq il-portal ta' referenza ta' Natura 2000, uża l-kodiċi rispettiv minn din il-lista; inkella timliex il-kamp (ħallih vojti).
3.3.2	Kodiċi tal-ispeċijiet	Jekk l-ispeċi tkun fuq il-listi ta' kodiċijiet fuq il-portal ta' referenza ta' Natura 2000 li jintuża fil-kamp 3.2.2, jekk jogħġbok uża dak il-kodiċi, inkella ħalli dan l-kamp vojti.

3.3.3 Isem xjentifiku	Jekk rilevanti, daħħal l-isem xjentifiku kif użat fil-listi ta' kodiċijiet fuq il-portal ta' referenza ta' Natura 2000 li jintuża fil-kamp 3.2.2.
3.3.4 <i>Data</i> dwar is-sensittività tal-ispeċijiet	Indika jekk id- <i>data</i> dwar l-ispeċijiet hijiex sensittiva
3.3.5 Nuqqas ta' preżenza	Indika jekk l-ispeċi għadhiex preżenti fis-sit
3.3.6 Daqs u unità tal-popolazzjoni	
3.3.6.1 Daqs tal-popolazzjoni	Daqs minimu u massimu tal-popolazzjoni
3.3.6.2 Unità tal-popolazzjoni	Lista ta' kodiċijiet (ara l-portal ta' referenza ta' Natura 2000)
3.3.7 Kategorija ta' abbondanza	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ Komuni ☐ Rari ☐ Rari ħafna ☐ Preżenti
3.3.8 Motivazzjoni	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ Speċijiet tal-Anness II tad-Direttiva dwar il-Habitats f'ŻPS ☐ Speċijiet tal-Anness IV tad-Direttiva dwar il-Habitats ☐ Speċijiet tal-Anness V tad-Direttiva dwar il-Habitats ☐ Speċijiet tal-għasafar tal-Anness I tad-Direttiva dwar l-Għasafar f'SIKp, SIK, ŻSK ☐ Speċijiet ta' għasafar migratorji f'SIKp, SIK, ŻSK ☐ Speċijiet ipprojbiti tal-Anness I tar-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi skont il-politika komuni tas-sajd (ir-Regolament tal-UE 2019/1241) li ma humiex diġà protetti mill-Annessi tad-Direttiva dwar il-Habitats ☐ Speċijiet elenkati fil-Listi Ħomor Nazzjonali ☐ Speċijiet elenkati fil-Listi Ħomor tal-UE ☐ Speċijiet elenkati fil-Listi Ħomor Globali ☐ Speċijiet endemiċi ☐ Speċijiet elenkati/protetti taħt Konvenzjonijiet internazzjonali bħall-konvenzjoni ta' Berna u l-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Animali Selvaġġi jew il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) ☐ Speċijiet tipiċi tat-tipi ta' habitats tal-Anness I ☐ Qraba Selvaġġi tal-Għelejjel (CWR) / Riżorsi Ġenetiċi tal-Foresti (FGR) ☐ Speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni kif imsemmija fir-Regolament tal-UE 1143/2014 dwar speċijiet aljeni invażivi (IAS) ☐ Raġunijiet oħrajn

4. Deskrizzjoni tas-sit	
4.1 Karatteristiċi tas-sit	Test liberu u tikketta tal-lingwa
4.2 Kwalità u importanza tas-sit	Test liberu u tikketta tal-lingwa
4.3 Pressjonijiet fuq is-sit	
4.3.1 Kodiċi tal-pressjoni	Lista ta' kodiċijiet (ara l-portal ta' referenza ta' Natura 2000)
4.3.2 Klassifikazzjoni	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ Importanza kbira ☐ Importanza medja ☐ Importanza baxxa
4.3.3 Post fuq ġewwa/barra	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ Ġewwa sit ta' Natura 2000 ☐ Barra sit ta' Natura 2000 ☐ Ġewwa u barra sit ta' Natura 2000
4.3.4 Pressjoni f'aktar dettall	Test liberu u tikketta tal-lingwa
4.3.5 Data ta' aġġornament	Sena u xahar
4.4 Dokumentazzjoni	Test liberu u tikketta tal-lingwa
4.4.1 Link(s)	URI (URL jew DOI)
4.4.2 Data ta' aġġornament	Sena u xahar
5. Ġestjoni tas-sit	
5.1 Korp responsabbli għall-ġestjoni tas-sit	
5.1.1 Isem l-organizzazzjoni	Test liberu u tikketta tal-lingwa
5.1.2 Punt ta' kuntatt fl-organizzazzjoni (fakultattiv)	Parti mill-organizzazzjoni responsabbli għall-ġestjoni tas-sit
5.1.3 Indirizz postali	Test liberu u tikketta tal-lingwa
5.1.4 Indirizz tal-posta elettronika tal-kaxxa postali funzjonali	Indirizz tal-posta elettronika tal-kaxxa postali funzjonali, mhux personali
5.1.5 Sit web b'informazzjoni ta' kuntatt	Sit web li jkun fih l-informazzjoni uffiċjali ta' kuntatt tal-organizzazzjoni
5.2 Pjanijiet ta' ġestjoni	
5.2.1 Eżistenza ta' pjan(ijiet) ta' ġestjoni	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ Iva (jekk iva, imla 5.2.2) ☐ Le, sit kopert parzjalment biss (imla 5.2.2) ☐ Le, iżda qiegħed jitħejja ☐ Le, minħabba li ma huwiex meħtieġ pjan ta' ġestjoni (imla 5.2.3) ☐ Le, raġuni oħra (imla 5.2.3)

5.2.2 Referenza u validità tal-pjan(ijiet) ta' ġestjoni	☐ Isem il-pjan u ☐ Link għall-pjan (URI) u ☐ Validità: data tal-bidu (is-sena u x-xahar) u d-durata: numru ta' xhur / jew mhux definit
5.2.3 Aktar spjegazzjonijiet	Test liberu u tikketta tal-lingwa; Għandu jimtela jekk il-pjan ta' ġestjoni ma jeżistix u lanqas ma jkun qed jitħejja
5.3 Miżuri ta' konservazzjoni	
5.3.1 Informazzjoni dettaljata dwar il-miżuri	Opzjonijiet definiti minn qabel: ☐ Il-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa huma inklużi fil-pjan(ijiet) ta' ġestjoni li għalih(om) hija pprovduta r-rabta fit-taqsim 5.2.2 (iva/le) ☐ Il-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa huma deskritti fid-dokument(i) li ġej(jin): — Titolu u link (URI) u/jew — Spjegazzjonijiet ulterjuri dwar miżuri ta' konservazzjoni dettaljati (test liberu u tikketta tal-lingwa)
5.3.2 Stat tal-miżuri ta' konservazzjoni	Żewġ mistoqsijiet b'opzjonijiet definiti minn qabel: 1. Il-miżuri meħtieġa huma stabbiliti? ☐ stabbiliti bis-sħiħ ☐ stabbiliti parzjalment ☐ mhux stabbiliti Għal miżuri stabbiliti bis-sħiħ jew parzjalment biss: 2. Il-miżuri stabbiliti huma implimentati? ☐ implimentati kollha u/jew kollha għadhom għad-dejnin ☐ implimentati parzjalment u/jew parzjalment biss ☐ miżuri ta' darba mhux implimentati u/jew ma hemm l-ebda miżura rikorrenti fis-seħħ
5.4 Effettività tal-ġestjoni	Żewġ mistoqsijiet b'opzjonijiet definiti minn qabel: — L-effettività tal-miżuri ta' konservazzjoni hija vvalutata perjodikament? [iva/le] — Il-miżuri ta' konservazzjoni qed jilhqqu l-oġġettivi ta' konservazzjoni stabbiliti? [iva/le/għad le/mhux magħruf minħabba li ma ġewx ivvalutati]

6. Rappreżentazzjoni ġeospazjali tas-sit

6.1 Identifikatur ta' INSPIRE	Identifikatur ta' INSPIRE tal-oġġett spazjali (ara l-portal ta' referenza ta' Natura 2000)
6.1.1 Spazju tal-isem	L-ispace tal-isem kif definit mill-implimentazzjoni nazzjonali ta' INSPIRE
6.1.2 Identifikatur lokali	L-identifikatur lokali jrid ikun uniku fl-ispace tal-isem
6.1.3 Identifikatur tal-verżjoni (fakultattiv)	L-identifikatur tal-verżjoni partikolari tal-oġġett spazjali

NOTI TA' SPJEGAZZJONI TAL-FORMOLA STANDARD TAD-DATA TA' NATURA 2000

WERREJ

Werrej	1
Introduzzjoni	17
1 Identifikazzjoni tas-sit	19
1.1 Tip ta' sit	19
1.2 Kodiċi tas-sit	19
1.3 Isem is-sit	20
1.3.1 Isem is-Sit mhux b'alfabett Latin (fakultattiv)	20
1.4 Rispondent	20
1.4.1 Isem l-organizzazzjoni	20
1.4.2 Punt ta' kuntatt fl-organizzazzjoni (fakultattiv)	20
1.4.3 Indirizz postali	20
1.4.4 Indirizz tal-posta elettronika tal-kaxxa postali funzjonali	21
1.4.5 Sit web b'informazzjoni ta' kuntatt	21
1.5 Klassifikazzjoni tas-sit/proposta/dati ta' deżinjazzjoni	21
1.5.1 Data tal-ewwel klassifikazzjoni tas-sit bħala ŻPS	21
1.5.2 Att ta' klassifikazzjoni ŻPS	21
1.5.3 Data li fiha s-sit ġie propost għall-ewwel darba bħala SIK	21
1.5.4 Data ta' deżinjazzjoni tas-sit bħala ŻSK:	21
1.5.5 Att ta' deżinjazzjoni taż-ŻSK	21
1.5.6 Spjegazzjonijiet (fakultattiv)	21
2 Erja tas-sit u post	21
2.1 Erja tas-sit	21
2.1.1 Erja	22
2.1.2 Raġuni għad-differenza fl-erja mas-sett ta' data spazjali (jekk ikun hemm)	22
2.1.3 Raġuni għad-differenza fl-erja - spjegazzjonijiet	22
2.2 Reġjun amministrattiv (fakultattiv)	22
2.2.1 Kodiċi tar-reġjun amministrattiv	22
2.2.2 Isem ir-reġjun amministrattiv	22
2.3 Reġjuni bijoġeografiċi u marini	22
2.3.1 Kodiċi tar-reġjun	22
2.3.2 Perċentwal	22
3 Informazzjoni ekoloġika	23
3.1 Tipi ta' habitats tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE preżenti fis-sit	23
3.1.a Informazzjoni essenzjali (tip ta' habitat)	23
3.1.1 Kodiċi tat-tip ta' habitat	23
3.1.2 Forom ta' prijetà	23

3.1.3	Nuqqas ta' preżenza	23
3.1.4	Kopertura	23
3.1.5	Għerien	24
3.1.6	Metodu użat għall-kopertura	24
3.1.7	Perjodu tal-aħħar għbir tad-data	24
3.1.b	Valutazzjoni tas-sit (tip ta' habitat)	24
3.1.8	Sinifikat	24
3.1.9	Rappreżentattività	24
3.1.10	Superfiċe relattiva	25
3.1.11	Spjegazzjonijiet tas-superfiċe relattiva (fakultattiv)	25
3.1.12	Grad ta' konservazzjoni	25
3.1.12.1	Grad ta' konservazzjoni – ikkategorizzat	25
3.1.12.2	Grad ta' konservazzjoni – erja	26
3.1.12.3	Grad ta' konservazzjoni – metodu użat	26
3.1.13	Objettivi ta' konservazzjoni	26
3.1.14	Objettivi ta' konservazzjoni - spjegazzjonijiet	26
3.1.15	Globali	27
3.1.16	Data tal-aġġornament	27
3.2	Speċijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KEE u speċijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 92/43/KEE preżenti fis-sit	27
3.2a	Informazzjoni essenzjali (speċijiet)	27
3.2.1	Grupp tal-ispeċijiet	27
3.2.2	Kodiċi tal-ispeċijiet	27
3.2.3	Isem xjentifiku	27
3.2.4	Data dwar is-sensittività tal-ispeċijiet	27
3.2.5	Nuqqas ta' preżenza	28
3.2.6	Tip ta' popolazzjoni	28
3.2.7	Daqs u unità tal-popolazzjoni	28
3.2.7.1	Daqs tal-popolazzjoni	28
3.2.7.2	Unità tal-popolazzjoni	29
3.2.8	Kategorija ta' abbondanza	29
3.2.9	Metodu użat għad-daqs tal-popolazzjoni	29
3.2.10	Perjodu tal-aħħar għbir tad-data	29
3.2.b	Valutazzjoni tas-sit (speċijiet)	30
3.2.11	Sinifikat	30
3.2.12	Speċijiet li jissodisfaw il-kriterji ornitoloġiċi għall-klassifikazzjoni ŻPS	30
3.2.13	Popolazzjoni	30

3.2.14	Popolazzjoni - spjegazzjonijiet (fakultattiv)	30
3.2.15	Grad ta' konservazzjoni	30
3.2.15.1	Grad ta' konservazzjoni - ikkategorizzat	30
3.2.15.2	Grad ta' konservazzjoni – erja okkupata (fakultattiva)	31
3.2.15.3	Grad ta' konservazzjoni – klassijiet ta' perċentwal okkupati	31
3.2.16	Objettivi ta' konservazzjoni	31
3.2.17	Objettivi ta' konservazzjoni - spjegazzjonijiet	32
3.2.18	Iżolament	32
3.2.19	Globali	32
3.2.20	Data tal-aġġornament	32
3.3	Speċijiet importanti ta' flora u fauna oħrajn (fakultattiv)	32
3.3.1	Grupp tal-ispeċijiet	33
3.3.2	Kodiċi tal-ispeċijiet	33
3.3.3	Isem xjentifiku	33
3.3.4	Data dwar is-sensittività tal-ispeċijiet	33
3.3.5	Nuqqas ta' preżenza	33
3.3.6	Daqs u unità tal-popolazzjoni	33
3.3.6.1	Daqs tal-popolazzjoni	33
3.3.6.2	Unità tal-popolazzjoni	33
3.3.7	Kategorija ta' abbondanza	33
3.3.8	Motivazzjoni	34
4	Deskrizzjoni tas-sit	34
4.1	Karatteristiċi tas-sit	34
4.2	Kwalità u importanza tas-sit	35
4.3	Pressjonijiet fuq is-sit	35
4.3.1	Kodiċi tal-pressjoni	35
4.3.2	Klassifikazzjoni	35
4.3.3	Post fuq ġewwa/barra	35
4.3.4	Pressjoni f'aktar dettall	35
4.3.5	Data tal-aġġornament	35
4.4	Dokumentazzjoni	36
4.4.1	Link(s)	36
4.4.2	Data tal-aġġornament	36
5	Ġestjoni tas-sit	36
5.1	Korp responsabbli għall-ġestjoni tas-sit	36
5.1.1	Isem l-organizzazzjoni	36

5.1.2	Punt ta' kuntatt fl-organizzazzjoni (fakultattiv)	36
5.1.3	Indirizz postali	36
5.1.4	Indirizz tal-posta elettronika tal-kaxxa postali funzjonali	36
5.1.5	Sit web b'informazzjoni ta' kuntatt	36
5.2	Pjanijiet ta' ġestjoni	36
5.2.1	Eżistenza ta' pjan(ijiet) ta' ġestjoni	37
5.2.2	Referenza u validità tal-pjan(ijiet) ta' ġestjoni	37
5.2.3	Aktar spjegazzjonijiet	37
5.3	Miżuri ta' konservazzjoni	37
5.3.1	Informazzjoni dettaljata dwar il-miżuri	37
5.3.2	Stat tal-miżuri ta' konservazzjoni	37
5.4	Effettività tal-ġestjoni	38
6	Rappreżentazzjoni ġeospazjali tas-sit	38
6.1	Identifikatur ta' INSPIRE	38
6.1.1	Spazju tal-isem	38
6.1.2	Identifikatur lokali	38
6.1.3	Identifikatur tal-verżjoni (fakultattiv)	38
	Appendiċi	39
1.	Listi ta' kodiċijiet għall-kampijiet tal-Formola Standard tad-Data	39
2.	Dokumenti (l-aktar verżjonijiet reċenti)	40

Lista ta' taqsiriet:

KE	Komunitajiet Ewropej
KEE	Komunità Ekonomika Ewropea
EEA	Aġenzija Ewropea għall-Ambjent
INSPIRE	Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fl-Ewropa
SIKp	Sit ta' Importanza Komunitarja propost
SIK	Sit ta' Importanza Komunitarja
ŻSK	Żona ta' Konservazzjoni Speċjali
FSD	Formola Standard tad-Data
ŻPS	Żona ta' Protezzjoni Speċjali

INTRODUZZJONI

In-Natura 2000 huwa n-network ekoloġiku għall-konservazzjoni ta' speċijiet ta' annimali u pjanti selvaġġi u tal-habitats naturali li huma ta' importanza Komunitarja fl-Unjoni. Huwa magħmul mis-siti kklassifikati skont id-Direttiva dwar l-Għasafar, adottata għall-ewwel darba fl-1979 (id-Direttiva 2009/147/KE) u d-Direttiva dwar il-Habitats adottata fl-1992 (id-Direttiva 92/43/KEE).

Is-suċċess ta' Natura 2000 jiddependi ħafna fuq il-livell ta' informazzjoni dwar il-habitats u l-ispeċijiet ta' interess Komunitarju. Għalhekk, id-data u l-informazzjoni jridu jkunu f'format strutturat u komparabbli. Il-bażi ġuridika għall-għoti tad-data dwar in-Natura 2000 hija indikata fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 tad-Direttiva dwar il-Habitats, li tgħid li "l-informazzjoni jrid ikun fiha mappa tas-sit, isimha, il-post, id-daqs u l-fatti magħrufa li jirriżultaw mill-applikar tal-kriterji speċifikati fl-Anness III (Stadju 1) mogħtija f'għamla stabbilita mill-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21". Skont l-Artikolu 4, il-paragrafu 3 tad-Direttiva dwar l-Għasafar, l-Istati Membri huma meħtieġa wkoll "jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha rilevanti sabiex din tkun tista' tieħu inizjattivi xierqa bil-għan li tikkoordina b'mod xieraq biex tassigura li ż-żoni li hemm provduti fil-paragrafi 1 u 2 (tal-Artikolu 4) jiffurmaw koerenza sħiħa li tkun konformi mal-ħtiġiet ta' protezzjoni ta' dawn l-ispeċi fiż-żona ġeografika tal-baħar u tal-art fejn tapplika din id-Direttiva".

Dan id-dokument jipprovdi informazzjoni dwar il-kampijiet tad-data differenti tal-Formola Standard tad-Data (FSD) ta' Natura 2000 u kif jenħtieġ li jimtlew kif ukoll dwar l-informazzjoni ġeografika meħtieġa.

L-iskop u l-użu tal-Formola Standard tad-Data ta' Natura 2000

L-oġġettivi ewlenin tal-FSD, il-bażi tad-data li tirriżulta u l-prodotti ġeospazjali (eżempju viżwalizzatur ta' Natura 2000) huma:

- (1) li jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa li tippermetti lill-Kummissjoni, bi sħubija mal-Istati Membri u bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), tikkoordina miżuri biex jinholq u jinżamm network koerenti ta' Natura 2000 u tevalwa l-effettività tiegħu għall-konservazzjoni tat-tipi ta' habitats tal-Anness I u għall-habitat tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness II għad-Direttiva 92/43/KEE kif ukoll il-habitats tal-ispeċijiet tal-għasafar tal-Anness I u speċijiet oħra ta' għasafar tal-passa msemmija fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2009/147/KE;
- (2) li jaġġornaw il-Listi ta' SIK tal-Unjoni skont id-Direttiva dwar il-Habitats;
- (3) li jipprovdu informazzjoni li se tgħin lill-Kummissjoni tiżgura li n-network ta' Natura 2000 jitqies bis-sħiħ f'inizjattivi oħrajn taħt il-politika ambjentali u klimatika tal-UE kif ukoll l-oqsma u setturi ta' politika oħrajn b'mod partikolari l-politiki reġjonali, agrikoli, tal-enerġija, tat-trasport u tat-turiżmu;
- (4) li jassistu lill-Kummissjoni u lill-kumitat rilevanti fl-għażla ta' azzjonijiet għall-finanzjament taħt LIFE;
- (5) li jipprovdu format konsistenti u utli għall-iskambju u l-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar is-siti ta' Natura 2000, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-regolament INSPIRE u leġislazzjonijiet u ftehimiet oħra tal-UE dwar l-aċċess għall-informazzjoni (eżempju, il-Konvenzjoni ta' Aarhus);
- (6) biex jintużaw fir-riċerka, l-ippjanar u għal finijiet oħra ta' appoġġ għall-politika ta' konservazzjoni;
- (7) li jipprovdu sors ta' referenza u informazzjoni affidabbli għall-valutazzjoni ta' problemi speċifiċi f'każ ta' ksur potenzjali tad-dritt tal-Unjoni;
- (8) li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni affidabbli u aġġornata dwar in-Natura 2000.

L-FSD, li huma d-dokumentazzjoni tan-network Natura 2000 fuq livell tal-Unjoni Ewropea, jitqiesu bħala sors ta' informazzjoni importanti għall-dawn l-iskopijiet kollha. Din id-dokumentazzjoni jenħtieġ li tinżamm aġġornata kif xieraq biex taqdi d-diversi skopijiet tagħha b'mod tajjeb. Għalhekk, huwa rrakkomandat li jsir aġġornament regolari mill-Istati Membri abbażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli mill-inqas kull 6 snin. Eżempju, ir-riżultati mill-monitoraġġ skont l-Artikolu 11, l-ippjanar tal-ġestjoni, il-valutazzjonijiet tal-impatt, eċċ., jistgħu jkunu s-sors ta' informazzjoni ġdida li

jenħtieġ li tiġi riflessa fl-FSD aġġornati. Anke jekk monitoraġġ dettaljat ta' kull sit ma jkunx espliċitament meħtieġ mid-Direttivi dwar il-Habitats u dwar l-Għasafar, huwa importanti li l-kundizzjoni tal-habitats u tal-ispeċijiet fis-siti tkun magħrufa, sabiex jiġi żgurat li l-obbligi sostantivi (eżempju n-nuqqas ta' deterjorament tal-habitats) mid-direttivi jkunu ssodisfati kif ukoll għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-oġettivi ta' konservazzjoni tas-siti. L-Istati Membri jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex ifasslu skemi ta' monitoraġġ li huma effiċjenti u effettivi għal dawn l-iskopijiet, filwaqt li jikkunsidraw bis-siġh sorsi oħra ta' informazzjoni (eżempju x-xjenza taċ-ċittadini, it-telerilevament, eċċ.).

Il-Formola Standard tad-Data riveduta

L-ewwel "Formola Standard tad-Data" (FSD) ġiet adottata fl-1997 (id-Deċiżjoni 97/266/KE) bl-iskop primarju li tinbena n-Natura 2000 u li tivvaluta s-suffiċjenza tan-networks nazzjonali. Fl-2011, l-FSD ġiet riveduta u mmodernizzata għall-ewwel darba b'kunsiderazzjoni għad-disponibbiltà mtejba tad-data spazjali diġitali, il-progress li sar fit-teknoloġija tal-ġestjoni tad-data u t-titjib meħtieġ fl-istruttura tal-informazzjoni ekoloġika.

Fl-2020, l-Istati Membri u l-Kummissjoni qablu dwar il-ħtieġa li jkomplu jtejbu u jissimplifikaw il-fluss tad-data skont iż-żewġ direttivi u f'dan il-qafas biex iwettqu t-tieni reviżjoni tal-FSD.

Ix-xogħol tekniku dwar ir-reviżjoni tal-FSD sar bil-għan li jittejbu d-disponibbiltà u l-kwalità tad-data, jimtlew lakuni importanti (eżempju informazzjoni dwar l-oġettivi ta' konservazzjoni, il-miżuri u l-effettività tal-ġestjoni) u li l-FSD issir aktar koerenti mar-rapportar skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Habitats u l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Għasafar. Eżempju, il-grad ta' konservazzjoni kemm għall-ispeċijiet kif ukoll għall-habitats issa ġie marbut mal-kunċetti ta' "kundizzjoni tal-habitat" u "kwalità tal-habitat okkupat mill-ispeċijiet" tal-ispeċijiet, li jintużaw għar-rapportar tal-Artikoli 12 u 17. Dan it-titjib għandu l-għan li jivvaluta r-rwol u l-kontribut tan-network ta' Natura 2000 biex jinkiseb Status ta' Konservazzjoni Favorevoli għall-habitats u għall-ispeċi.

Il-portal ta' referenza ta' Natura 2000

Id-dokumentazzjoni ta' appoġġ għall-iffaċilitar tal-użu konsistenti tal-FSD madwar l-UE, inkluż fir-rigward tat-trażmissjoni tad-data elettronika u t-trattament tad-data, hija disponibbli online għall-Istati Membri fl-hekk imsejjaħ "Portal ta' referenza ta' Natura 2000" miżmum mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Din id-dokumentazzjoni tinkludi elementi bħal listi ta' kodiċijiet u dokumenti u materjal ta' referenza meħtieġa oħrajn: eżempju, mudelli ta' data, formati tat-trasferiment tad-data għal data spazjali u f-forma tabulari kif ukoll linji gwida tekniċi li jiddeskrivu l-proċeduri tekniċi u amministrattivi dwar kif għandha tiġi sottomessa d-data lill-Kummissjoni. Xi elementi inklużi fil-portal ta' referenza jistgħu jkunu soġġetti għal bidliet maż-żmien minħabba żviluppi tekniċi, xjentifiċi (eżempju tassonomiċi) u żviluppi oħrajn. Għal dawk l-elementi li jinżammu mid-DG Ambjent u/jew mill-EEA (ara l-Anness) kwalunkwe bidla (!) jenħtieġ li jkollha l-approvazzjoni minn qabel tal-Kumitat dwar il-Habitats. Link għall-portal ta' referenza jinsab fuq is-sit web tal-Kummissjoni, DG Ambjent. L-elementi ewlenin ta' dan il-portal huma elenkati fl-Appendiċi.

Il-Formola Standard tad-Data ta' Natura 2000 u l-bażi tad-data tagħha

Kull sit ta' Natura 2000 propost, deżinjat jew ikklassifikat irid ikollu Formola Standard tad-Data mimlija kif ukoll rappreżentazzjoni ġeospazjali diġitali tal-fruntieri tiegħu. Is-siti kollha ta' Stat Membru flimkien jiffurmaw il-bażi tad-data nazzjonali tal-FSD.

Il-kampijiet tal-FSD huma kollha obbligatorji, sakemm ma jkunx indikat speċifikament mod ieħor. Sabiex tkun kompluta, il-bażi tad-data nazzjonali tal-FSD jeħtieġ li tinkludi deskrizzjoni ġeospazjali ta' kull sit ta' Natura 2000, li għalih hemm gwida teknika disponibbli fil-portal ta' referenza ta' Natura 2000.

Stat Membru jista' jipproponi aġġornament tal-informazzjoni miżmuma mill-bażi tad-data tiegħu ta' Natura 2000 billi jtella' bażi tad-data aġġornata dwar is-sistema Reportnet tal-EEA (ara l-istruzzjonijiet fil-portal ta' referenza ta' Natura 2000). Tali bażi tad-data aġġornata jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn nota li tispjega (u taħt ċerti ċirkostanzi tiġġustifika) il-bidliet li saru. Ladarba tittella' l-bażi tad-data, titwettaq l-ewwel serje ta' kontrolli tal-kwalità għall-ittestjar tal-konformità tal-bażi tad-data: falliment ta' test jirriżulta fir-rifjut tal-bażi tad-data. Deskrizzjoni tar-regoli applikati għall-kontrolli tal-kwalità hija disponibbli fil-portal ta' referenza ta' Natura 2000 bħala parti mid-deskrizzjoni teknika tal-kampijiet tal-FSD.

(!) Bl-eċċezzjoni ta' korrezzjonijiet żgħar fis-sit web, bħal kliem spellut ħażin u adattamenti skont l-aktar standards tekniċi reċenti.

Qabel ma jiġbru l-bażi tad-*data* tal-UE ta' Natura 2000, is-Servizzi tal-Kummissjoni Ewropea se jivverifikaw il-konformità tal-modifiki proposti mad-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats.

Fil-kampijiet tat-test liberu, ipprovdí t-tikketta tal-lingwa. It-tikketta tal-lingwa hija kodiċi standardizzat li tintuża biex tidentifika l-lingwi umani fuq l-Internet. Id-dettalji tekniċi bħal-lista ta' kodiċijiet tal-lingwa li għandhom jintużaw huma pprovduti fil-portal ta' referenza ta' Natura 2000.

1 Identifikazzjoni tas-sit

1.1 Tip ta' sit





It-tip ta' sit jindika jekk is-sit huwiex Żona ta' Protezzjoni Speċjali (ŻPS) ikklassifikata skont id-Direttiva dwar l-Għasafar jew Sit ta' Importanza Komunitarja (propost) (SIK(p))/Żona Speċjali ta' Konservazzjoni (ŻSK) skont id-Direttiva dwar il-Habitats jew it-tnejn. Trid tintgħażel opzjoni waħda fost dawn li ġejjin:

- ☐ A: sit skont id-Direttiva dwar l-Għasafar (ŻPS) jew
- ☐ B: sit skont id-Direttiva dwar il-Habitats (SIKp, SIK jew ŻSK) jew
- ☐ C: sit kemm skont id-Direttiva dwar l-Għasafar kif ukoll id-Direttiva dwar il-Habitats (jiġifieri li għandu fruntieri identiċi)

F'każijiet li jkun hemm trikkib bejn is-SIK u ż-ŻPS, iżda dawn ma jkunux identiċi, is-siti jiġu ttrattati bħala separati.

Illustrazzjoni 1:

Relazzjonijiet possibbli bejn is-siti

	A	ŻPS – għandha timtela FSD waħda għaż-ŻPS
	B	Is-SIKp, is-SIK, iż-ŽSK – għandha timtela formola waħda għas-(SIKp, is-SIK, iż-ŽSK)
	C	Iż-ŻPS (u s-SIKp, is-SIK, iż-ŻSK) huma identiċi, l-erja hija l-istess – għandha timtela formola waħda kemm għaż-ŻPS kif ukoll għas-(SIKp, is-SIK, iż-ŻSK)
	A B	F'każ li jkun hemm trikkib bejn iż-ŻPS u (s-SIKp, is-SIK, iż-ŻSK) iżda dawn ma jkunux identiċi, is-siti jiġu ttrattati bħala separati. Għandha timtela formola għal kull waħda minnhom.

1.2 Kodiċi tas-sit

Kull sit irid ikollu kodiċi uniku stabbli meħmuż, li jikkonsisti f'sekwenza waħda b'disa' karattri u huwa magħmul kif ġej:

- L-ewwel żewġ karattri jiffurmaw il-kodiċi tal-pajjiż. Tapplika r-regola tal-Unjoni dwar l-użu tal-kodiċi tal-pajjiż ISO 3166 b'2 ittri (ara l-lista ta' kodiċijiet fuq il-portal ta' referenza ta' Natura 2000).

- Is-seba' karattri li jibqa', li jservu biex joħlqu kodiċi uniku alfanumeriku għal kull sit fi ħdan l-Istat Membru, għandhom jingħataw billi tiġi segwita sistema loġika u koerenti kif definita mill-awtorità nazzjonali responsabbli.

Ir-regoli li ġejjin japplikaw:

- Il-kodiċi tas-sit jidentifika sit ta' Natura 2000 u dan ma għandux jiġi mmodifikat maż-żmien, sakemm is-sit ma jkunx ir-riżultat ta' fużjoni jew qsim tas-siti.
- F'każ li jkun fużi żewġ siti jew aktar jew ikun hemm sit li jinqasam f'sub-siti, huwa rrakkomandat li għas-sit fuż jinżamm il-kodiċi tal-akbar sit, u f'każ li s-siti jinqasmu, l-akbar subsit iżomm il-kodiċi oriġinali tas-sit li jkun inqasam.
- Madankollu, f'każ li SIK jiġi fuż ma' ŻPS (li jirriżulta f'sit C), huwa rrakkomandat li jinżamm il-kodiċi tas-sit tas-SIK għas-sit fuż peress li l-kodiċi tas-sit tas-SIK jintuża fil-lista tal-Unjoni.
- Id-deżinjazzjoni ta' SIK bħala ŻSK ma hijiex raġuni valida biex jinbidel il-kodiċi tas-sit, sakemm ma jsirx meħtieġ minħabba proċeduri legali (ta' deżinjazzjoni) fil-livell nazzjonali.
- Jekk għal xi raġuni jrid jitħassar kodiċi tas-sit, dan il-kodiċi ma jistax jerġa' jintuża aktar tard.

1.3 Isem is-sit

Għall-pajjiżi li jużaw l-alfabet Latin, l-ismijiet tas-siti jiddaħħlu fil-lingwa lokali tagħhom. Għandu jintuża l-alfabet Latin (UTF 8/16); jenħtieġ li ma jintuża l-ebda test b'ittri kbar (eżempju "Gave de Pau" mhux "GAVE DE PAU").

Għall-Istati Membri li jużaw alfabet li ma huwiex Latin (Grieg jew Ċirilliku), l-isem tas-sit għandu madankollu jinkiteb bl-alfabet Latin fil-kamp 1.3. Eżempju: L-isem tas-sit bil-Latin għandu jiddaħħal fil-kamp 1.3: "Ikaria - Fournoi Kai Paraktia Żoni".

1.3.1 Isem is-Sit mhux b'alfabet Latin (fakultattiv)

Minbarra l-isem tas-sit ipprovdut f'1.3, l-isem jista' jiġi pprovdut bl-użu ta' alfabet Latin bħall-alfabet Grieg jew Ċirilliku. Eżempju: L-isem tas-sit bil-Grieg għandu jiddaħħal fil-kamp 1.3.1: "Ικάρια – Φούρνοι και παράκτια ζώνη"

1.4 Rispondent

Rispondent tfisser l-informazzjoni ta' kuntatt uffiċjali tal-organizzazzjoni (eżempju, l-awtorità amministrattiva kompetenti) li mljet l-informazzjoni fl-FSD. F'każ ta' mistoqsijiet tekniċi jew jekk jinstabu xi żbalji jenħtieġ li jiġi kkuntattjat ir-rispondent. Jenħtieġ li ma tingħata l-ebda informazzjoni personali f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

Trid tiġi pprovduta mill-inqas waħda mill-kombinazzjonijiet tal-kampijiet li ġejjin:

- Isem l-organizzazzjoni (1.4.1) u indirizz postali (1.4.3) jew
- Isem l-organizzazzjoni (1.4.1) u indirizz tal-posta elettronika tal-kaxxa postali funzjonali (1.4.4) jew
- Isem l-organizzazzjoni (1.4.1) u sit web b'informazzjoni ta' kuntatt (1.4.5)

1.4.1 Isem l-organizzazzjoni

L-isem uffiċjali tal-organizzazzjoni li tkun għabret l-informazzjoni fl-FSD.

1.4.2 Punt ta' kuntatt fl-organizzazzjoni (fakultattiv)

Il-punt ta' kuntatt ifisser speċifikazzjoni ulterjuri tal-parti tal-organizzazzjoni responsabbli għall-kompilazzjoni tad-data fl-FSD rispettiva bħal eżempju dipartiment għall-konservazzjoni tan-natura jew rwol funzjonali speċifiku bħall-"Unità ta' koordinazzjoni ta' Natura 2000".

1.4.3 Indirizz postali

L-indirizz postali tal-organizzazzjoni jenħtieġ li jingħata f'kamp tat-test liberu skont l-istandard għall-indirizzi postali li jintuża fl-Istat Membru.

1.4.4 *Indirizz tal-posta elettronika tal-kaxxa postali funzjonali*

Jenħtieġ li jintużaw biss l-indirizzi tal-posta elettronika funzjonali f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

1.4.5 *Sit web b'informazzjoni ta' kuntatt*

Is-sit web jenħtieġ li jkun fih l-informazzjoni ta' kuntatt uffiċjali tal-organizzazzjoni. Sabiex jiġu evitati kwistjonijiet b'links li jinbidlu, ipprovdi l-link biss mal-paġna tad-dħul ewlenija tal-organizzazzjoni, minn fejn ikun possibbli li tinnaviga lejn l-informazzjoni ta' kuntatt.

1.5 **Klassifikazzjoni tas-sit/proposta/dati ta' deżinjazzjoni**

Il-kampijiet għad-dati tal-klassifikazzjoni taż-ŻPS u l-proposta u d-deżinjazzjoni ta' SIK/ŻSK (kif applikabbli) iridu jmtlew flimkien mar-referenza għall-atti taż-ŻPS u taż-ŻSK nazzjonali fil-kampijiet rispettivi ta' 1.5. Meta sit ikun ġie kklassifikat/iddeżinjat u sussegwentement estiż, jenħtieġ li tinżamm is-sena tal-elenkar inizjali. Jistgħu jiġu pprovduti spjegazzjonijiet ulterjuri, eżempju għad-dati tal-klassifikazzjoni jew tad-deżinjazzjoni tas-siti magħmula minn ŻPS u/jew SIK oriġinarjament separati b'mod fakultattiv fil-kamp 1.5.6.

1.5.1 *Data tal-ewwel klassifikazzjoni tas-sit bħala ŻPS*

Ipprovdi d-data li fiha s-sit ġie kklassifikat għall-ewwel darba bħala ŻPS.

1.5.2 *Att ta' klassifikazzjoni ŻPS*

Ipprovdi referenza għall-att ta' klassifikazzjoni nazzjonali taż-ŻPS. Huwa preferibbli li jkun hemm referenza fil-forma ta' identifikatur diġitali stabbli (URI = URL jew DOI). Jekk dan ma jkunx disponibbli, ir-referenza tista' tiġi pprovduta wkoll bħala test liberu.

1.5.3 *Data li fiha s-sit ġie propost għall-ewwel darba bħala SIK*

Ipprovdi d-data li fiha s-sit ġie propost għall-ewwel darba bħala SIK. Dan ifisser id-data li fiha l-ewwel proposta għas-SIK ġiet ikkomunikata uffiċjalment lill-Kummissjoni Ewropea.

1.5.4 *Data ta' deżinjazzjoni tas-sit bħala ŻSK:*

Trid tiġi pprovduta d-data li fiha s-sit ġie deżinjat bħala ŻSK.

1.5.5 *Att ta' deżinjazzjoni taż-ŻSK*

Trid tiġi pprovduta referenza għall-att ta' deżinjazzjoni nazzjonali taż-ŻSK. Huwa preferibbli li jkun hemm referenza fil-forma ta' identifikatur diġitali stabbli (URI = URL jew DOI). Jekk dan ma jkunx disponibbli, ir-referenza tista' tiġi pprovduta wkoll bħala test liberu.

1.5.6 *Spjegazzjonijiet (fakultattiv)*

Jistgħu jingħataw spjegazzjonijiet addizzjonali għall-kampijiet f'1.5 fil-kamp tat-test liberu, eżempju għad-dati tal-klassifikazzjoni jew tad-deżinjazzjoni tas-siti magħmula minn siti li qabel kienu ŻPS u/jew SIK oriġinarjament separati.

2 **ERJA TAS-SIT U POST**

2.1 **Erja tas-sit**

L-erja tas-siti ta' Natura 2000 trid tiġi pprovduta fil-kamp 2.1.1; l-erja hija wkoll parti mis-sett ta' data spazjali, li jinkludi l-konfini diġitali tas-siti. Fil-prinċipju, l-erja rrapportata fil-kamp 2.1.1 jenħtieġ li tkun l-istess bħal fl-erja kalkolata mis-sett ta' data spazjali. Madankollu, minħabba diversi raġunijiet (għerien neqsin minn rappreżentazzjoni kompluta, atti ta' deżinjazzjoni nazzjonali bbażati fuq data mhux akkurata, inċertezzi marbuta ma' bidliet fis-sistemi ta' referenza spazjali, eċċ.) jistgħu jvarjaw u dan jenħtieġ li jiġi spjegat fil-kampijiet 2.1.2 u 2.1.3.

2.1.1 *Erja*

Trid tiġi pprovduta l-erja ta' sit. Daħħal l-aktar erja tas-superfiċe totali akkurata disponibbli f'ettari; jistgħu jintużaw pożizzjonijiet deċimali. Barra minn hekk, għall-karatteristiċi lineari bħall-irdum, trid timtela l-erja, li tista' tkun ibbażata fuq stima.

2.1.2 *Raġuni għad-differenza fl-erja mas-sett ta' data spazjali (jekk ikun hemm)*

F'każ li l-erja fil-kamp 2.1.1 tkun differenti mill-erja fis-sett ta' data spazjali, ipprovi r-raġuni bl-użu tal-kategorija rilevanti mil-lista ta' kodiċijiet rispettiva:

- ☐ Irdum jew żona wieqfa
- ☐ Għar
- ☐ Projezzjoni għal ETRS89
- ☐ Oħrajn - ir-rappreżentazzjoni spazjali ma tikkorrispondix għad-daqs tal-erja fil-kamp 2.1.1 għal raġunijiet oħra. Aġhti spjegazzjoni fil-kamp 2.1.3

Jenħtieġ li jingħataw aktar spjegazzjonijiet fil-kamp 2.1.3. Jekk tintuża l-kategorija "oħrajn", iridu jiġu pprovduti spjegazzjonijiet ulterjuri.

2.1.3 *Raġuni għad-differenza fl-erja - spjegazzjonijiet*

Minbarra l-kamp 2.1.2, id-differenza fl-erja tista' tiġi spjegata aktar bl-użu ta' test liberu. Innota li jridu jingħataw spjegazzjonijiet jekk il-kategorija "oħrajn" tintuża fil-kamp 2.1.2.

2.2 **Reġjun amministrattiv (fakultattiv)**

Għar-referenza ta' data statistika, il-Eurostat żviluppa sistema ta' kodifikazzjoni ġerarkika standard għar-reġjuni tal-Unjoni. Din is-sistema ta' kodifikazzjoni trid tiġi applikata għall-applikazzjonijiet kollha ta' kodifikazzjoni reġjonali fil-Kummissjoni (ara r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1)). Deskrizzjoni sħiħa tista' tinstab ukoll fuq il-paġna ewlenija tal-Eurostat.

2.2.1 *Kodiċi tar-reġjun amministrattiv*

Il-livell 2 tal-kodiċijiet NUTS jenħtieġ li jiddaħħal għal kull sit. Jenħtieġ li jiġi pprovdut mill-inqas kodiċi wieħed. Madankollu, jistgħu jintużaw diversi kodiċijiet għal siti li jinsabu f'aktar minn reġjun amministrattiv wieħed.

Meta sit ma jkunx kopert minn reġjun NUTS, daħħal il-kodiċi NUTS għal "reġjun ekstra" (eżempju, il-kodiċi ta' reġjun ekstra tal-livell 2 fil-Belġju jkun: "BEZZ").

Jenħtieġ li tintuża l-aħħar verżjoni tal-klassifikazzjoni NUTS (ara l-link fil-portal ta' referenza ta' Natura 2000).

2.2.2 *Isem ir-reġjun amministrattiv*

L-isem tar-reġjun amministrattiv li jikkorrispondi għal-livell tal-kodiċi NUTS 2 użat fil-kamp 2.2.1. L-isem tar-reġjun amministrattiv irid jiġi pprovdut meta jimtela l-kodiċi tar-reġjun amministrattiv, inkella l-kamp 2.2.2 irid jitħalla vojta.

2.3 **Reġjuni bijoġeografiċi u marini**2.3.1 *Kodiċi tar-reġjun*

B'referenza għall-mappa l-aktar reċenti tar-reġjuni bijoġeografiċi u tal-baħar (ara l-portal ta' referenza ta' Natura 2000), irid jiġi speċifikat f'liema minn dawn ir-reġjun(i) bijoġeografiku/bioġeografiċi jew tal-baħar jinsab is-sit.

2.3.2 *Perċentwal*

F'każ li sit ikun jinsab f'żewġ reġjuni jew aktar, trid tiddaħħal il-kopertura perċentwali f'kull wieħed mir-reġjuni. Il-valuri jenħtieġ li jammontaw għal 100 %. Żbalji ta' arrotondament żgħir meta jingħaddu l-valuri jistgħu jiġu injorati. Il-perċentwal jenħtieġ li jiġi kkalkolat bl-użu tal-istess mappa li tintuża għall-ispeċifikazzjoni tal-kodiċi tar-reġjun (kamp 2.3.1).

3 INFORMAZZJONI EKOLOĠIKA

Skont it-tip ta' sit, it-taqsim 3 irid ikun fiha:

- Għat-tipi ta' siti A u C: l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-ispeċijiet tal-għasafar rilevanti għall-Artikolu 4(1) u 4(2) tad-Direttiva 2009/147/KE, jiġifieri l-ispeċijiet tal-Anness I u l-ispeċijiet migratorji li ma humiex inklużi fl-Anness I, li l-preżenza tagħhom hija regolari fis-sit (it-taqsim 3.2 tal-FSD).
- Għat-tipi ta' siti B u C: l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-habitats kollha tal-Anness I tad-Direttiva dwar il-Habitats preżenti fis-sit (it-taqsim 3.1 tal-FSD) u l-ispeċijiet kollha ta' fauna u flora tal-Anness II preżenti fis-sit (it-taqsim 3.2 tal-FSD).

3.1 Tipi ta' habitats tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE preżenti fis-sit

3.1.a Informazzjoni essenzjali (tip ta' habitat)

Din it-taqsim trid timtela għat-tipi kollha ta' habitats tal-Anness I preżenti fis-sit u jenħtieġ li timtela wkoll għal dawk it-tipi ta' habitats li għalihom huwa pplanat l-istabbiliment mill-ġdid fis-sit.

3.1.1 Kodiċi tat-tip ta' habitat

Irid jiġi pprovdut il-kodiċi tal-habitat, li huwa l-kodiċi b'erba' karattri tat-tipi ta' habitats tal-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE. Il-lista ta' kodiċijiet għal dawn it-tipi ta' habitats hija disponibbli fil-portal ta' referenza ta' Natura 2000.

3.1.2 Forum ta' prijorità

Jekk il-forum ta' prijorità tat-tipi ta' habitats 6210, 7130 jew 9430 ikunu preżenti fis-sit (skont il-karattru tagħhom dawn it-tipi ta' habitats jistgħu jkunu mit-tnejn — forma ta' prijorità jew mhux ta' prijorità), indika l-preżenza tal-forma ta' prijorità fil-kamp 3.1.2.

Meta fis-sit ikun hemm kemm forum ta' prijorità kif ukoll forum mhux ta' prijorità, għandhom isiru entrati separati għal kull waħda minnhom.

3.1.3 Nuqqas ta' preżenza

F'każijiet fejn tip ta' habitat tal-Anness I li kien preżenti bħala sinifikanti meta s-sit ġie propost bħala SIK jew li aktar tard ġie identifikat bħala sinifikanti ma għadux preżenti fis-sit, dan jenħtieġ li jiġi indikat fil-kamp "nuqqas ta' preżenza". F'dan il-każ, ikun mistenni li l-oġġettiv ta' konservazzjoni għal dan il-habitat ikun li jiġi stabbilit mill-ġdid fis-sit. Jista' jkun hemm każijiet fejn habitat ivarja b'mod naturali (eżempju habitat 3170, vaski temporanji Mediterranji). F'każijiet bħal dawn, "nuqqas ta' preżenza" għandha tiġi rrapportata biss jekk ikunu seħħew bidliet li jmorru lil hinn minn tali fluttwazzjonijiet naturali.

Barra minn hekk, f'każijiet fejn tip ta' habitat tal-Anness I ma jkunx preżenti f'sit (u ma kienx preżenti meta ġie ddeżinjat is-sit) iżda l-istabbiliment mill-ġdid tiegħu jkun ipplanat, dan jenħtieġ li jiġi indikat fil-kamp "nuqqas ta' preżenza".

Għall-habitats li ma għadhomx preżenti fis-sit, jeħtieġ li jimtlew biss il-kampijiet li ġejjin: 3.1.1 (Kodiċi tal-habitat), 3.1.2 (Forma ta' prijorità), 3.1.6 (Metodu użat), 3.1.7 (Perjodu tal-aħħar għir tad-data), 3.1.13 (Oġġettivi ta' konservazzjoni), 3.1.16 (Data ta' aġġornament). Il-kamp 3.1.4 (Kopertura) irid ikun 0 (zero). Il-kampijiet l-oħra tat-taqsim 3.1 jenħtieġ li jitħallew vojta.

Tip ta' habitat tal-Anness I li kien preżenti bħala sinifikanti meta s-sit ġie propost bħala SIK jew li aktar tard ġie identifikat bħala sinifikanti iżda jitqies bħala mitluf u ma jistax jerġa' jiġi restawrat jista' jitneħħa mil-lista abbażi tar-raġunijiet stabbiliti fid-dokument Nadeg "Finalised note on removal of habitats and species from the subject of protection in Natura 2000 sites – conditions & justifications (Doc Nadeg 21-12-05-04)" disponibbli fil-Portal ta' referenza.

3.1.4 Kopertura

Il-kopertura tas-superfiċe tal-habitat fis-sit f'ettari [ħa] trid tiġi pprovduta sakemm is-sit ma jkunx għar u l-erja stmata tas-superfiċe ma tkunx disponibbli (kamp 3.1.5); jekk tkun indikata nuqqas ta' preżenza (kamp 3.1.3) il-kopertura għandha tkun zero (0); il-valuri deċimali huma permessi.

Jista' jkun hemm każijiet ta' sovraponiment fiżiku bejn it-tipi ta' habitat tal-Anness I (eżempju, sikek ta' ramel f'estwarji). F'dan il-każ speċifiku daħħal l-erja ta' kull habitat (eżempju daħħal l-erja tal-estwarju u d-daqs tas-sikek tar-ramel). Jekk dan ma jkunx meqjus b'hała possibbli, naqqas l-erja tal-habitat iż-żgħir mill-erja tal-habitat il-kbir.

3.1.5 *Għerien*

Għall-għerien (il-kodiċijiet tal-habitat 8310 u 8330), jista' jiddaħħal l-għadd ta' għerien jekk l-erja tas-superfiċe stmata ma tkunx disponibbli.

3.1.6 *Metodu użat għall-kopertura*

Bl-għażla ta' waħda mill-kategoriji li ġejjin, irid jiġi indikat il-metodu użat għad-dedikazzjoni tal-kopertura:

- ☐ stħarriġ sħiħ jew stima statistikament robusta (eżempju mmappjar jew stħarriġ iddedikat jew mudell ta' tbassir robust b'kampjun rappreżentattiv tad-*data* tal-okkorrenza, il-kalibrazzjoni u l-evalwazzjoni sodisfaċenti tal-prestazzjoni ta' tbassir tiegħu bl-użu ta' *data* tajba dwar il-kundizzjonijiet ambjentali fil-medda kollha tal-habitats) jew
- ☐ ibbażat l-aktar fuq l-estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' *data* (eżempju mudelli oħra ta' tbassir jew estrapolazzjoni bl-użu ta' kampjun ta' okkorrenza anqas komplut u *data* ambjentali) jew
- ☐ ibbażat l-aktar fuq opinjoni esperta b'*data* limitata ħafna;

Tista' tintgħażel biss kategorija waħda; meta d-*data* tkun ġiet ikkompilata minn varjetà ta' sorsi, agħżel il-kategorija għall-aktar sors ta' *data* importanti.

3.1.7 *Perjodu tal-aħħar għir tad-data*

Ipprovi d-*data* tal-bidu u d-*data* ta' tmien il-perjodu tal-aħħar għir tad-*data* għall-habitat fis-sit. Il-format għad-dati huwa s-sena u x-xahar (SSSS-XX).

F'każ li d-*data* tal-aħħar għir tad-*data* tkun qabel l-2022, iżda x-xahar u s-sena ma jkunux magħrufa, tista' tintgħażel l-għażla "stħarriġ qabel l-2022". F'dan il-każ ix-xahar u s-sena jenħtieġ li jitħallew vojta.

3.1.b **Valutazzjoni tas-sit (tip ta' habitat)**

3.1.8 *Sinifikat*

Habitat tal-Anness I preżenti fis-sit jista' jiġi indikat b'hała mhux sinifikanti meta ż-żona tal-habitat fis-sit tkun ta' 1) ta' valur ta' konservazzjoni żgħir, minħabba li tkun żgħira, degradata ħafna, jew frammentarja u fejn l-issodisfar tal-funzjonijiet ekoloġiċi tat-tip ta' habitat ikun limitat ħafna u l-komponenti strutturali kif ukoll il-kompożizzjoni karatteristika/tipika tal-ispeċi tiegħu jitnaqqsu b'mod sever u 2) ma toffrix possibbiltajiet ta' restawr rilevanti. Kundizzjonijiet b'hał dawn diġà kienu jeżistu meta s-sit ġie propost b'hała SIK u mhumieħ dovuti għall-ġestjoni mhux xierqa tas-sit jew għall-pressjonijiet antropoġeniċi li seħħu minn dak iż-żmien 'l hawn.

Il-habitats mhux sinifikanti jenħtieġ li jiġu indikati f'dan il-kamp (3.1.8). Innota li għall-okkorrenzi sinifikanti tal-habitats, il-kampijiet kollha tat-taqsima 3.1.b iridu jmtlew filwaqt li għall-habitats mhux sinifikanti jridu jmtlew biss il-kampijiet 3.1.8 (Sinifikat) u 3.1.16 (Data ta' aġġornament) tat-taqsima 3.1.b.

3.1.9 *Rappreżentattività*

Rappreżentattività hija l-kriterju A(a) tal-Anness III: grad ta' rappreżentattività tal-habitat fis-sit.

Il-Kriterju A(a) tal-Anness III jenħtieġ li jkun marbut mal-manwal ta' interpretazzjoni tat-tipi ta' habitats tal-Anness I peress li dan il-manwal jipprovi definizzjoni, indikazzjoni ta' speċijiet karatteristiċi u elementi rilevanti oħrajn. Il-grad tar-rappreżentattività joffri sistema ta' kejl ta' "kemm huwa tipiku" it-tip ta' habitat.

Jekk id-*data* kwantitattiva tal-kamp għall-paragun ma tkunx teżisti jew jekk il-kejl tal-kriterju ma huwiex fattibbli, biex jiġi kklassifikat it-tip ta' habitat jista' jintuża "l-aħjar ġudizzju esperti".

Jenħtieġ li tintuża din is-sistema ta' klassifikazzjoni:

- ☐ A: rappreżentattività eċċellenti jew
- ☐ B: rappreżentattività tajba jew
- ☐ C: rappreżentattività sinifikanti.

3.1.10 *Superfiċe relattiva*

Is-superfiċe relattiva hija l-kriterju A(b) tal-Anness III: Erja tas-sit koperta bit-tip ta' habitat naturali (ara l-kamp 3.1.4. "Kopertura") fir-rigward tal-erja totali koperta minn dak it-tip ta' habitat naturali ġewwa t-territorju nazzjonali.

L-erja totali koperta mit-tip ta' habitat fit-territorju nazzjonali jenħtieġ li tikkorrispondi mal-erja totali tas-superfiċe kif irrapportata skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Habitats (jiġifieri s-somma għar-regġuni bijoġeografiċi kollha). Madankollu, fil-każ ta' għarfien jew disponibbiltà mtejbja ta' *data* aktar akkurata minn dik użata għar-rapportar tal-Artikolu 17, il-perċentwal jenħtieġ li jiġi kkalkolat abbażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli għall-erja totali.

Is-superfiċe relattiva trid tiġi espressa bħala perċentwal ikklassifikat "p", bl-użu ta' waħda mill-kategoriji li ġejjin:

- ☐ A1: $100 \% \geq p > 75 \%$
- ☐ A2: $75 \% \geq p > 50 \%$
- ☐ A3: $50 \% \geq p > 25 \%$
- ☐ A4: $25 \% \geq p > 15 \%$
- ☐ B: $15 \% \geq p > 2 \%$
- ☐ C: $2 \% \geq p > 0 \%$

3.1.11 *Spjegazzjonijiet tas-superfiċe relattiva (fakultattiv)*

Dan il-kamp jista' jintuża biex jipprovdi informazzjoni aktar preċiża dwar is-superfiċe relattiva bħall-wieċ tal-konkrit li huwa l-bażi tas-superfiċe klassifikata fil-kamp 3.1.10 jekk disponibbli, jew spjegazzjoni rilevanti oħra.

3.1.12 *Grad ta' konservazzjoni*

Il-grad ta' konservazzjoni hija l-kriterju A(c) tal-Anness III: Dan jenħtieġ li jkun marbut mal-kundizzjoni tal-habitat kif definit għar-rapportar tal-Artikolu 17 (id-Direttiva dwar il-Habitats), jiġifieri l-parametru "struttura u funzjonijiet (inklużi speċijiet tipiċi)" ⁽²⁾.

Dan il-kamp fih tliet partijiet:

3.1.12.1 *Grad ta' konservazzjoni – ikkategorizzat*

Il-grad ta' konservazzjoni għandu jiġi espress bl-użu tas-sistema ta' klassifikazzjoni li ġejja:

- ☐ A: grad ta' konservazzjoni eċċellenti (kważi l-erja kollha tal-habitat f'kundizzjoni tajba)
- ☐ B: grad ta' konservazzjoni tajjeb (il-biċċa l-kbira tal-erja tal-habitat f'kundizzjoni tajba)
- ☐ C: grad ta' konservazzjoni mnaqqas (il-biċċa l-kbira tal-erja tal-habitat f'kundizzjoni mhux tajba)
- ☐ X: grad ta' konservazzjoni mhux magħruf (il-biċċa l-kbira jew l-erja kollha tal-habitat f'kundizzjoni mhux magħrufa)

⁽²⁾ Rapportar skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Habitats - Noti ta' Spjegazzjoni u ta' Linji Gwida (l-aħħar verżjoni)

3.1.12.2 *Grad ta' konservazzjoni – erja*

Minbarra l-kategoriji A, B, C, l-erja f'kundizzjoni tajba, mhux tajba jew mhux magħrufa jenħtieġ li tiġi pprovduta f'ettari.

— Erja f'kundizzjoni tajba: [ħa]

— Erja f'kundizzjoni mhux tajba: [ħa]

— Erja f'kundizzjoni mhux magħrufa: ... [ħa]

3.1.12.3 *Grad ta' konservazzjoni – metodu użat*

- ☐ Stħarriġ sħiħ jew stima statistikament robusta f'ettari (eżempju meħuda mill-immappjar fil-pjanijiet ta' ġestjoni)
- ☐ Ibbażat l-aktar fuq estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' *data* (ġudizzju espert)
- ☐ Ibbażat l-aktar fuq opinjoni esperta b'*data* limitata ħafna (ibbażata fuq *data* ta' mmappjar parzjali)
- ☐ *Data* insuffiċjenti jew l-ebda *data* disponibbli

3.1.13 *Objettivi ta' konservazzjoni*

Il-funzjoni tal-objettivi ta' konservazzjoni hija li tispjega liema tipi ta' habitats f'erja u l-kundizzjoni tagħhom f'sit għandhom jinżammu jew jinkisbu sabiex is-sit ikun jista' jikkontribwixxi għall-għan kumplessiv ta' stat ta' konservazzjoni favorevoli ta' dawn it-tipi ta' habitats (ara l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva dwar il-Habitats) fil-livell bijoġeografiku nazzjonali u Ewropew. Abbażi tal-kundizzjonijiet mixtieqa spjegati fl-objettivi ta' konservazzjoni, għandhom jiġu stabbiliti miżuri ta' konservazzjoni.

Il-“prevenzjoni tad-deterjorament” jew “il-manutenzjoni tal-erja tas-superfiċe tal-habitat u l-kundizzjoni tajba tiegħu” fis-sit huma l-objettivi minimi ta' konservazzjoni (li għandhom jiġu tradotti ulterjorment f'termini tal-karatteristiċi/attributi speċifiċi li jiddefinixxu l-kundizzjoni tal-habitat). Barra minn hekk, l-objettivi ta' konservazzjoni jistgħu jimmiraw li jkabbru l-erja tal-habitat jew li jtejbu l-kundizzjoni tal-habitat kif ukoll li l-habitat jiġi stabbilit mill-ġdid fis-sit (jiġifieri habitat li ma jkunx preżenti fis-sit).

L-objettivi ta' konservazzjoni għall-habitat fis-sit iridu jiġu indikati billi tintgħażel waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin, fejn il-prevenzjoni tad-deterjorament jew taż-żamma dejjem jenħtieġ li tkun l-objettiv minimu, sakemm ma jkunux jistgħu jiġu pprovduti spjegazzjonijiet u ġustifikazzjonijiet għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali oħra (eżempju li huma relatati mal-ħtiġijiet ta' restawr ta' habitat ieħor tal-Anness I fis-sit). F'każijiet bħal dawn fejn ikun indikat “Oħrajn”, irid jimtela l-kamp 3.1.14.

- ☐ Prevenzjoni tad-deterjorament
- ☐ Żamma tal-erja tas-superfiċe tat-tip ta' habitat u l-kundizzjoni tajba tiegħu
- ☐ Tkabbir tal-erja tat-tip ta' habitat
- ☐ Titjib tal-kundizzjoni tat-tip ta' habitat
- ☐ Stabbiliment mill-ġdid tat-tip ta' habitat
- ☐ Oħrajn

3.1.14 *Objettivi ta' konservazzjoni - spjegazzjonijiet*

Aktar spjegazzjonijiet u dettalji dwar l-objettivi ta' konservazzjoni indikati fil-kamp 3.1.13 jistgħu jiġu pprovduti f'dan il-kamp tat-test liberu. Jekk tiġi indikata l-għażla “Oħrajn”, għandhom jiġu pprovduti spjegazzjonijiet. Jekk jogħġbok kun af li ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna biss, bħal eżempju l-ħtiġijiet ta' restawr ta' habitats oħra tal-Anness I huma ġustifikazzjonijiet aċċettabbli għan-nuqqas ta' inklużjoni taż-żamma ta' habitat li jkun preżenti fis-sit bħala objettiv minimu. Għall-opzjonijiet l-oħrajn kollha, il-kamp huwa fakultattiv.

3.1.15 *Globali*

Valutazzjoni globali (kriterju A(d) tal-Anness III) tal-valur tas-sit għall-konservazzjoni tat-tip ta' habitat naturali kkonċernat.

Dan il-kriterju jirreferi għall-valutazzjoni globali tal-valur tas-sit fir-rigward tal-konservazzjoni tat-tip ta' habitat ikkonċernat. Dan il-kriterju jenħtieġ li jintuża biex il-kriterji msemmija qabel jiġu vvalutati b'mod integrat filwaqt li jitqiesu l-livelli ta' importanza li jista' jkollhom għall-habitat inkwistjoni. Jistgħu jitqiesu aspetti oħra fir-rigward tal-valutazzjoni tal-elementi l-aktar rilevanti, sabiex l-influwenza pożittiva jew negattiva tagħhom fuq il-konservazzjoni tat-tip ta' habitat tiġi vvalutata b'mod globali. L-elementi "l-aktar rilevanti" jistgħu jvarjaw bejn tip ta' habitat u tip ta' habitat ieħor; dawn jistgħu jinkludu l-attivitajiet tal-bniedem, kemm fis-sit kif ukoll fiż-żoni ġirien, li x'aktarx jinfluwenzaw l-istatus ta' konservazzjoni tat-tip ta' habitat, is-sjieda tal-art, l-istatus legali eżistenti tas-sit, ir-relazzjonijiet ekoloġiċi bejn it-tipi differenti ta' habitat u ta' speċijiet, eċċ.

L-"aħjar gudiżzju esperti" jista' jintuża biex jivvaluta dan il-valur globali, u s-sistema ta' klassifikazzjoni użata biex tfissirha jenħtieġ li tkun kif ġej:

- ☐ A: valur eċċellenti,
- ☐ B: valur tajjeb,
- ☐ C: valur sinifikanti.

3.1.16 *Data tal-aġġornament*

Id-data (is-sena u x-xahar, SSSS-XX) li fiha l-informazzjoni mogħtija fit-taqsim 3.1.b (valutazzjoni tas-sit) tkun ġiet aġġornata l-aħħar trid tiġi pprovduta għal okkorrenzi mhux preżenti, sinifikanti u mhux sinifikanti ta' habitats. L-aġġornamenti maħsuba hawnhekk jirreferu għal bidliet fil-kontenut tat-taqsim u mhux għal korrezzjonijiet żgħar bħal tiswijiet tal-iżbalji jew l-ifformattjar.

3.2 **Speċijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/147/KEE u speċijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 92/43/KEE preżenti fis-sit**

3.2a **Informazzjoni essenzjali (speċijiet)**

Skont it-tip ta' sit, it-taqsim 3.2.a trid timtela għall-ispeċijiet rilevanti kollha preżenti fis-sit (ara wkoll il-paragrafi introduttorji fil-bidu tat-taqsim 3) u jenħtieġ li timtela għall-ispeċijiet li għalihom huwa ppjanat stabbiliment mill-ġdid fis-sit.

3.2.1 *Grupp tal-ispeċijiet*

Ipprovdli l-grupp li għalih tappartjeni l-ispeċi (jiġifieri Anfibi, Għasafar, Ħut, Invertebrati, Likeni, Mammiferi, Pjanti inklużi l-brijofiti, Rettili) billi tuża l-kodiċi għall-gruppi tal-ispeċijiet disponibbli fil-portal ta' referenza ta' Natura 2000.

3.2.2 *Kodiċi tal-ispeċijiet*

L-ispeċijiet li jenħtieġ li jiġu elenkati fit-taqsim 3.2 jiddependu fuq it-tip ta' sit kif spjegat fil-paragrafi introduttorji fil-bidu tat-taqsim 3 (informazzjoni ekoloġika). Għandha tintuża l-lista ta' kodiċijiet tal-ispeċijiet disponibbli fil-portal ta' referenza ta' Natura 2000.

3.2.3 *Isem xjentifiku*

Daħħal l-isem tal-ispeċi xjentifika li jikkorrispondi għall-kodiċi użat fil-kamp 3.2.2 skont il-lista tal-ispeċijiet disponibbli fil-portal ta' referenza ta' Natura 2000. L-isem xjentifiku li jikkorrispondi għall-kodiċi fil-lista tal-ispeċi biss jista' jintuża mill-Kummissjoni Ewropea. Kwalunkwe ħaġa oħra se titqies bħala żball.

3.2.4 *Data dwar is-sensittività tal-ispeċijiet*

F'dan il-kamp, indika jekk id-disponibbiltà għall-pubbliku tal-informazzjoni dwar speċi partikolari tistax tkun ta' ħsara għall-konservazzjoni tagħha, eżempju, għaliex tkun tista' tinġabar illegalment u d-disponibbiltà għall-pubbliku tal-informazzjoni li tidher fl-FSD (inkluż id-deskrizzjoni ġeospazjali tal-fruntieri tagħha) tista' żżid din it-theddida b'mod konkret. Jekk dan huwa l-każ, niżżel "iva" f'dan il-kamp.

Jekk speċi tiġi mmarkata bħala sensittiva, il-Kummissjoni ma tgħarrafx lill-pubbliku dwar il-preżenza tal-ispeċi fuq is-sit minn jeddha (eżempju, billi tinkludi din l-informazzjoni fuq bażi tad-*data*, viżwalizzatur jew sit web disponibbli għall-pubbliku). Jekk l-informazzjoni dwar il-preżenza ta' din l-ispeċi f'xi sit partikolari tkun diġà disponibbli għall-pubbliku, eżempju permezz ta' informazzjoni online, l-immarkar tal-ispeċi bħala sensittiva ma huwiex ġustifikat.

3.2.5 Nuqqas ta' preżenza

Jekk jogħġbok indika fejn speċi li kienet preżenti bħala sinifikanti meta s-sit ġie propost bħala SIK jew ikklassifikat bħala ŻPS jew li aktar tard ġiet identifikata bħala sinifikanti ma għadhiex preżenti fis-sit. F'dan il-każ, ikun mistenni li l-oġġettiv ta' konservazzjoni għal din l-ispeċi jkun li tiġi stabbilita mill-ġdid fis-sit.

Nota: L-ispeċijiet jitqiesu bħala mhux preżenti aktar fuq is-sit jekk ikunu ilhom perġodu ta' żmien twil ma jiġu osservati fis-sit. Dak il-perġodu ta' żmien se jvarja bejn l-ispeċijiet: meta speċijiet li jistgħu jintlemħu faċilment u li jkunu regolarment preżenti f'ċirkostanzi normali jiġu neqsin għal ftit snin, dan probabbilment ikun jindika għajbien tal-ispeċi filwaqt li għal speċijiet li diffiċli jiġu osservati bħal ċerti insetti, meta ma jkunux intlemħu għal ħafna snin mhux neċessarjament jindika li l-ispeċi ġiet nieqsa jekk il-habitat tagħha ma jkunx inbidel.

Barra minn hekk, f'każijiet fejn speċi ma tkunx preżenti f'sit (u ma kinitx preżenti meta s-sit ġie ddeżinjat) iżda ikun ipplanat l-istabbiliment mill-ġdid tiegħu, jenħtieġ li jiġi indikat fil-kamp "nuqqas ta' preżenza".

Għal speċijiet li ma għadhomx preżenti fis-sit, jenħtieġ li jimtlew il-kampijiet li ġejjin: 3.2.1 sa 3.2.5, 3.2.9 (il-metodu użat), 3.2.10 (il-perġodu tal-aħħar għal tad-*data*) u 3.2.16 (l-oġġettivi ta' konservazzjoni). Kemm id-daqs minimu kif ukoll id-daqs massimu tal-popolazzjoni jenħtieġ li jkunu 0 (zero) fil-kamp 3.2.7.1. Il-kampijiet l-oħra tat-taqsim 3.2 jenħtieġ li jitħallew vojta.

Speċi li kienet preżenti bħala sinifikanti fuq is-sit meta s-sit kien propost bħala SIK għall-ewwel darba jew li ġiet għall-ewwel ikklassifikata bħala ŻPS jew li aktar tard ġiet identifikata bħala sinifikanti iżda titqies bħala mitlufa u ma tistax terġa' tinġieb lura ma tistax titneħħa mil-lista sakemm dan ma jkunx ġie ġġustifikat skont id-dokument Nadeg "Finalised note on removal of habitats and species from the subject of protection in Natura 2000 sites – conditions & justifications (Doc Nadeg 21-12-05-04)".

3.2.6 Tip ta' popolazzjoni

Il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet fis-sit iridu jiġu kkategorizzati kif ġej:

- ☐ Permanenti: l-ispeċi tinsab fis-sit is-sena kollha (speċijiet mhux migratorji, pjanti, popolazzjoni residenti ta' speċijiet migratorji)
- ☐ Tirriproduċi: l-ispeċi tuża s-sit biex trabbi ż-żgħar (pereżempju, trobbija, tibjit)
- ☐ Konċentrazzjoni: l-ispeċi tuża s-sit biex tistrieħ u tiekol, jew biex tieqaf waqt il-passa jew biex toħrof lil hinn mill-post tat-tniissil, u mhux fix-xitwa
- ☐ Xitwa: l-ispeċi tuża s-sit matul ix-xitwa.

Meta popolazzjoni mhux permanenti tkun preżenti f'sit f'aktar minn staġun wieħed (eżempju tniissil, xitwa), l-entrati jenħtieġ li jsiru separatament għal dawn it-"tipi ta' popolazzjonijiet". Billi numru ta' speċijiet tal-fawna (b'mod partikolari ħafna speċi tal-għasafar) huma migratorji, is-sit jista' jkun importanti għal fażijiet differenti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-ispeċi.

F'każ li ma tistax iddaħħal id-*data* għal staġuni differenti, daħħal *data* għall-aktar staġun importanti (riproduzzjoni, xitwa jew konċentrazzjoni).

3.2.7 Daqs u unità tal-popolazzjoni

3.2.7.1 Daqs tal-popolazzjoni

Trid tiġi pprovduta *data* dwar id-daqs tal-popolazzjoni magħrufa. Jekk id-daqs tal-popolazzjoni jkun magħruf (jiġifieri valur wieħed eżatt), imla ż-żewġ subkampijiet (minimu u massimu) bl-istess valur. F'każ li jkun aktar xieraq li tingħata medda ta' popolazzjoni, imla l-kampijiet bil-valuri smati għal-limitu baxx (minimu) u għal-limitu għoli (massimu) ta' din il-medda.

Meta ma tkunx taf il-medda ta' popolazzjoni imma teżisti informazzjoni dwar id-daqs minimu jew massimu tal-popolazzjoni, agħmel stima tal-valur tal-medda nieqes. Jekk jogħġbok innota li l-valuri minimi u massimi jenħtieġ li jirreferu għal medja ta' valuri ta' diversi snin u mhux għall-aktar valuri estremi.

Jekk in-nuqqas ta' preżenza jkun indikat fil-kamp 3.2.5, kemm il-minimu kif ukoll il-massimu jenħtieġ li jkunu "0".

Meta lanqas ma tista' ssir stima approssimattiva tad-daqs tal-popolazzjoni minħabba diffikultajiet oġġettivi fl-identifikazzjoni tal-ispeċi, uża l-kategorija "Data insuffiċjenti jew l-ebda data disponibbli" fil-kamp "Metodu użat għad-daqs tal-popolazzjoni". F'dan il-każ, il-valuri għad-daqs tal-popolazzjoni jistgħu jitħallew vojta iżda minflok irid jintuża l-kamp għall-kategoriji ta' abbondanza (ara l-kamp 3.2.8). Il-kategoriji ta' abbondanza jistgħu madankollu jkunu indikati flimkien mad-daqs tal-popolazzjoni.

Il-karattru tal-popolazzjoni fis-sit jista' jkompli jiġi deskritt fil-kamp tat-test "Kwalità u Importanza" (4.2) li jissottolinja n-natura tal-popolazzjoni (eżempju densa, dispersa jew iżolata).

3.2.7.2 Unità tal-popolazzjoni

Trid tiġi pprovduta l-unità tal-valuri tad-daqs tal-popolazzjoni korrispondenti fil-kamp 3.2.7.1. L-unitajiet rakkomandati huma individwi jew pari meta jkun possibbli, inkella uża l-aktar unitajiet preċiżi disponibbli skont il-lista standardizzata ta' unitajiet u kodiċijiet tal-popolazzjoni kif żviluppata għar-rapportar skont l-Artikolu 12 (id-Direttiva dwar l-Għasafar) u l-Artikolu 17 (id-Direttiva dwar il-Habitats) (ara l-portal ta' referenza ta' Natura 2000).

3.2.8 Kategorija ta' abbondanza

Il-kategorija ta' abbondanza trid tiġi pprovduta jekk il-metodu użat għad-daqs tal-popolazzjoni jkun stabbilit għal "Data insuffiċjenti jew l-ebda data disponibbli" u ma tkun tista' tiġi pprovduta l-ebda stima tad-daqs tal-popolazzjoni minħabba diffikultajiet oġġettivi fl-identifikazzjoni tal-ispeċi fi 3.2.7. Madankollu, il-kamp jista' jintuża wkoll flimkien mad-daqs tal-popolazzjoni. Ara wkoll l-ispejgazzjoni ta' hawn fuq għal "daqs".

Jistgħu jintużaw il-kategoriji ta' abbondanza li ġejjin:

- ☐ Komuni: l-ispeċi għandha daqs tal-popolazzjoni kbir fis-sit
- ☐ Rari: l-ispeċi ma hijiex abbundanti ħafna u lanqas frekwenti fis-sit, ta' popolazzjoni żgħira
- ☐ Rari ħafna: l-ispeċi hija skarsa, popolazzjoni żgħira ħafna jew okkażjonali fuq is-sit (ma tidhirx b'mod regolari)
- ☐ Preżenti: jenħtieġ li tintuża biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna meta lanqas biss ikun magħruf jekk l-ispeċi hijiex rari / rari ħafna jew komuni fuq is-sit.

3.2.9 Metodu użat għad-daqs tal-popolazzjoni

Indika l-metodu użat għad-determinazzjoni tad-daqs tal-popolazzjoni:

- ☐ Stħarriġ komplut jew stima statistikament robusta
- ☐ Ibbażat l-aktar fuq opinjoni esperta b'data limitata ħafna
- ☐ Ibbażat l-aktar fuq estrapolazzjoni minn ammont limitat ta' data
- ☐ Data insuffiċjenti jew l-ebda data disponibbli

Ara wkoll l-ispejgazzjoni dwar id-daqs tal-popolazzjoni u l-kategoriji ta' abbondanza rigward l-użu tal-kategorija "Data insuffiċjenti jew l-ebda data disponibbli".

3.2.10 Perjodu tal-aħħar ġbir tad-data

Iridu jiġu pprovduti d-data tal-bidu u d-data ta' tmien il-perjodu tal-aħħar ġbir tad-data għall-ispeċijiet fis-sit. Il-format għad-dati huwa s-sena u x-xahar (SSSS-XX).

F'każ li d-data tal-aħħar ġbir tad-data tkun qabel l-2022, iżda x-xahar u s-sena ma jkunux magħrufa, tista' tiġi indikata l-opzjoni "qabel l-2022". F'dan il-każ ix-xahar u s-sena jistgħu jitħallew vojta.

3.2.b Valutazzjoni tas-sit (speċijiet)

3.2.11 Sinifikat

F'dan il-kamp jenħtieġ li jiġu indikati okkorrenzi mhux sinifikanti tal-ispeċijiet fis-sit. Meta speċi tiġi osservata rarament fis-sit, eżempju jekk tkun biss xewwiela, din ma titqiesx bħala popolazzjoni sinifikanti. Innota li għall-okkorrenzi sinifikanti tal-ispeċi, il-kampijiet kollha tat-taqsima 3.2.b iridu jimtew filwaqt li għall-okkorrenzi mhux sinifikanti tal-ispeċi għandhom jimtew biss il-kampijiet 3.2.11 (Sinifikat) u 3.2.20 (Data ta' aġġornament) tat-taqsima 3.2.b.

3.2.12 Speċijiet li jissodisfaw il-kriterji ornitoloġiċi għall-klassifikazzjoni ŻPS

Indika jekk l-ispeċi tal-ġhasafar tissodisfaw il-kriterji ornitoloġiċi użati għall-ġustifikazzjoni tal-klassifikazzjoni ŻPS (fiż-żmien tal-klassifikazzjoni tas-sit jew fi żmien aktar tard).

3.2.13 Popolazzjoni

Il-popolazzjoni hija l-kriterju B(a) tal-Anness III: Daqs u densità tal-popolazzjoni tal-ispeċi li hemm fis-sit fir-rigward tal-popolazzjonijiet preżenti fit-territorju nazzjonali.

Il-popolazzjoni trid tiġi espressa bħala perċentwal ikklassifikat "p" bl-użu ta' waħda mill-kategoriji li ġejjin:

- ☐ A1: $100 \% \geq p > 75 \%$ jew
- ☐ A2: $75 \% \geq p > 50 \%$ jew
- ☐ A3: $50 \% \geq p > 25 \%$ jew
- ☐ A4: $25 \% \geq p > 15 \%$ jew
- ☐ B: $15 \% \geq p > 2 \%$ jew
- ☐ C: $2 \% \geq p > 0 \%$

3.2.14 Popolazzjoni - spjegazzjonijiet (fakultattiv)

Dan il-kamp jista' jintuża biex jipprovdi informazzjoni aktar preċiża dwar il-perċentwal tal-popolazzjoni bħad-daqs konkret tal-popolazzjoni nazzjonali li jsostni l-perċentwal ikklassifikat fil-kamp 3.2.13 jekk disponibbli jew spjegazzjoni rilevanti oħra.

3.2.15 Grad ta' konservazzjoni

Dan il-kamp fih tliet partijiet:

Il-grad ta' konservazzjoni hija l-kriterju B(b) tal-Anness III: Il-grad ta' konservazzjoni jenħtieġ li jkun marbut mal-kwalità tal-habitat okkupat għall-ispeċi bħal, eżempju, attwalment ivvalutat fir-rapportar skont l-Artikolu 17 (id-Direttiva dwar il-Habitats). Il-kwalità tiddependi fuq l-aktar karatteristiċi tal-habitat xierqa relatati mad-dinamika tal-popolazzjoni bħar-rekwiżiti fiżiċi u bijoloġiċi tal-ispeċi (inkluż eżempju d-disponibbiltà tal-priża) fl-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tagħha. L-istruttura tal-habitat u l-karatteristiċi abijotiċi rilevanti jenħtieġ li jiġu vvalutati.

3.2.15.1 Grad ta' konservazzjoni - ikkategorizzat

Il-grad ta' konservazzjoni jenħtieġ li jiġi espress bl-użu tas-sistema ta' klassifikazzjoni li ġejja:

- ☐ A: grad ta' konservazzjoni eċċellenti (kważi l-habitat kollu okkupat mill-ispeċi għandu kwalità suffiċjenti) jew
- ☐ B: grad ta' konservazzjoni tajjeb (il-biċċa l-kbira tal-habitat okkupat mill-ispeċi għandu kwalità suffiċjenti) jew
- ☐ C: grad ta' konservazzjoni mnaqqas (il-biċċa l-kbira tal-habitat okkupat mill-ispeċi għandu kwalità mhux suffiċjenti)
- ☐ X: grad ta' konservazzjoni mhux magħruf (il-biċċa l-kbira tal-habitat okkupat kollu tal-ispeċi jew il-biċċa l-kbira tiegħu ma għandux kwalità magħrufa)

3.2.15.2 *Grad ta' konservazzjoni – erja okkupata (fakultattiva)*

Minbarra l-kategoriji A, B, C, jenħtieġ li tiġi pprovduta l-erja tal-habitat okkupat li l-kwalità tiegħu hija suffiċjenti, mhux suffiċjenti jew mhux magħrufa f'perċentwal taż-żona totali tal-habitat fis-sit.

- Erja tal-habitat okkupat minn speċijiet bi kwalità suffiċjenti: [%]
- Erja tal-habitat okkupat minn speċijiet bi kwalità mhux suffiċjenti: [%]
- Erja tal-habitat okkupat minn speċijiet li għalihom il-kwalità ma hijiex magħrufa: [%]

3.2.15.3 *Grad ta' konservazzjoni – klassijiet ta' perċentwal okkupati*

Erja stmata tal-habitat okkupat mill-ispeċijiet bi kwalità suffiċjenti

- ☐ 0-25 % ☐ 26-50% ☐ 51-75% ☐ 76-100%

Erja stmata tal-habitat okkupat mill-ispeċijiet bi kwalità mhux suffiċjenti

- ☐ 0-25 % ☐ 26-50% ☐ 51-75% ☐ 76-100%

Erja stmata tal-habitat okkupat minn speċi li għalihom il-kwalità ma hijiex magħrufa

- ☐ 0-25 % ☐ 26-50% ☐ 51-75% ☐ 76-100%

3.2.16 *Objettivi ta' konservazzjoni*

Il-funzjoni tal-objettivi ta' konservazzjoni hija li jiġi speċifikat liema firxa u kwalità tal-habitat tal-ispeċi u d-daqs tal-popolazzjoni f'sit għandhom jinżammu jew jintlaħqu sabiex is-sit ikun jista' jikkontribwixxi għall-għan kumplessiv ta' stat ta' konservazzjoni favorevoli ta' dawn l-ispeċi (ara l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva dwar il-Habitats) fil-livell nazzjonali, bijoġeografiku jew Ewropew. Abbażi tal-kundizzjonijiet mixtieqa spjegati fl-objettivi ta' konservazzjoni, għandhom jiġu stabbiliti miżuri ta' konservazzjoni.

Il-“prevenzjoni tad-deterjorament” jew iż-żamma tal-ispeċi (f'termini tad-daqs tal-popolazzjoni) u l-habitat tagħha fis-sit (f'termini ta' firxa u kwalità tajba) huma l-objettiv minimu ta' konservazzjoni (li għandu jiġi tradott addizzjonalment f'termini tal-attributi speċifiċi).

L-objettivi ta' konservazzjoni għall-ispeċi fis-sit iridu jiġu indikati billi tagħżel waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin, fejn il-“prevenzjoni tad-deterjorament” jew iż-“żamma” dejjem jenħtieġ li jkun l-objettiv minimu sakemm ma jkunux jistgħu jiġu pprovduti ġustifikazzjonijiet għal sitwazzjonijiet eċċezzjonali oħra (eżempju relatati mal-ħtiġijiet ta' restawr ta' speċi oħra jew ta' habitat tal-Anness I). F'każ li tiġi indikata “Oħrajn” hawn taħt, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni u ġustifikazzjoni fil-kamp 3.2.17:

- ☐ Prevenzjoni tad-deterjorament
- ☐ Żamma tal-firxa u tal-kwalità tajba tal-habitat tal-ispeċi u tad-daqs tal-popolazzjoni
- ☐ Tkabbir tal-erja tal-habitat għall-ispeċijiet
- ☐ Stabbiliment mill-ġdid tal-habitat għall-ispeċijiet
- ☐ Titjib fil-kwalità tal-habitat tal-ispeċijiet (filwaqt li jitqiesu wkoll fatturi ta' disturb u mortalità)
- ☐ Żieda fid-daqs tal-popolazzjoni
- ☐ Tnaqqis tal-pressjoni fuq il-popolazzjoni (eż. titnaqqas il-mortalità jew jitnaqqas id-disturb)
- ☐ Stabbiliment mill-ġdid tal-popolazzjoni fis-sit
- ☐ Oħrajn

3.2.17 *Objettivi ta' konservazzjoni - spiegazzjonijiet*

Aktar spiegazzjonijiet u dettalji dwar l-objettivi ta' konservazzjoni indikati fil-kamp 3.2.16 jistgħu jiġu pprovduti hawnhekk bl-użu tal-kamp tat-test liberu. Fil-każ li "Oħrajn" tiġi indikata fil-kamp 3.2.16, għandha tiġi pprovduta spiegazzjoni. Jekk jogħġbok kun af li ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna biss, bħal pereżempju l-ħtiġijiet ta' restawr ta' speċi oħra jew ta' tip ta' habitat tal-Anness I, huma ġustifikazzjonijiet aċċettabbli biex ma tiġix inkluża l-manutenzjoni ta' speċi li tkun preżenti fis-sit bħala objettiv minimu. Għall-opzjonijiet l-oħrajn kollha, il-kamp huwa fakultattiv.

3.2.18 *Iżolament*

Grad ta' iżolament (kriterju B(c) tal-Anness III) tal-popolazzjoni preżenti fis-sit fir-rigward tal-medda naturali tal-ispeċi.

Dan il-kriterju jista' jiġi interpretat bħala miżura approssimattiva tal-kontribut ta' popolazzjoni partikolari għad-diversità ġenetika tal-ispeċi fuq naħa, u fuq l-oħra għall-fraġilità ta' dik il-popolazzjoni speċifika meta tkun iżolata wisq. Konsegwentement il-kelma "iżolament" jenħtieġ li titqies f'kuntest usa', u tapplika kemm għall-endemiċi stretti, għas-subspeċi/varjetajiet/razz kif ukoll għas-subpopolazzjoni ta' metapopolazzjoni. F'dan il-kuntest għandha tintuża din il-klassifikazzjoni:

- ☐ A: popolazzjoni (kważi) iżolata jew
- ☐ B: popolazzjoni mhux iżolata, imma fuq marġini ta' żona ta' distribuzzjoni jew
- ☐ C: popolazzjoni mhux iżolata fid-disseminazzjoni estiża.

3.2.19 *Globali*

Valutazzjoni globali (kriterju B(d) tal-Anness III) tal-valur tas-sit għall-konservazzjoni tal-ispeċi kkonċernati.

Dan il-kriterju jirreferi għall-valutazzjoni globali tal-valur tas-sit fir-rigward tal-konservazzjoni tal-ispeċi kkonċernati. Dan il-kriterju jista' jintuża biex jirrikapitula l-kriterji ta' qabel kif ukoll għall-valutazzjoni ta' karatteristiċi oħra tas-sit meqjusa bħala rilevanti għal speċi partikolari. Dawn il-karatteristiċi jistgħu jvarjaw bejn speċi u oħra u jistgħu jinkludu attivitajiet tal-bniedem fis-sit jew fiż-żoni fil-qrib li jistgħu jinfluwenzaw l-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċi, il-ġestjoni tal-art, il-protezzjoni statutorja tas-sit, ir-relazzjonijiet ekoloġiċi bejn it-tipi differenti ta' habitats u ta' speċijiet, eċċ.

"L-aħjar ġudizzju espert" jista' jintuża għal din il-valutazzjoni globali. Għandha tintuża s-sistema ta' klassifikazzjoni li ġejja:

- ☐ A: valur eċċellenti,
- ☐ B: valur tajjeb,
- ☐ C: valur sinifikanti.

3.2.20 *Data tal-aġġornament*

Trid tiġi pprovduta d-data li fiha l-informazzjoni fit-taqsim 3.2.b (valutazzjoni tas-sit) ġiet aġġornata l-aħħar. Il-format għad-data huwa ta' sena u xahar (SSSS-XX). L-aġġornamenti maħsuba hawnhekk jirreferu għal bidliet fil-kontenut u mhux għal korrezzjonijiet żgħir bħal tiswijiet tal-iżbalji jew l-iformattjar.

3.3 **Speċijiet importanti ta' flora u fawna oħrajn (fakultattiv)**

Speċijiet importanti ta' flora u fawna oħrajn li huma rilevanti għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tas-sit jistgħu jiġu elenkati fit-taqsim 3.3 filwaqt li jitqiesu r-regoli li ġejjin għal kull tip ta' sit:

- għat-tip ta' sit A (ŻPS): L-ispeċijiet tal-għasafar tal-Anness I tad-Direttiva dwar l-Għasafar u l-għasafar migratorji preżenti regolament ma jistgħux jiġu elenkati hawnhekk.
- għat-tip ta' sit B (SIKp/SIK/ŻSK): L-ispeċijiet tal-Anness II tad-Direttiva dwar il-Habitats ma jistgħux jiġu elenkati hawnhekk.
- għat-tip ta' sit C: L-ispeċijiet tal-Anness II tad-Direttiva dwar il-Habitats u l-ispeċi ta' għasafar tal-Anness I tad-Direttiva dwar l-Għasafar u l-ispeċi tal-għasafar migratorji preżenti b'mod regolari ma jistgħux jiġu elenkati hawnhekk.

3.3.1 *Grupp tal-ispeċijiet*

Jekk l-ispeċi tappartjeni għal wieħed mill-gruppi tal-ispeċijiet fil-lista ta' kodiċijiet disponibbli fuq il-portal ta' referenza ta' Natura 2000 (jiġifieri Amfibji, Għasafar, Ħut, Invertebrati, Likeni, Mammiferi, Pjanti inklużi l-brijofiti u l-algi, Rettili) uża l-kodiċi rispettiv minn din il-lista; inkella timliex il-kamp (ħallih vojta).

3.3.2 *Kodiċi tal-ispeċijiet*

Għall-għasafar u għall-ispeċijiet tal-Anness II, IV u V tad-Direttiva dwar il-Habitats, irid jintuża l-kodiċi kif previst fil-portal ta' referenza ta' Natura 2000. Għal speċijiet oħra, il-kamp 3.3.2 jenħtieġ li jitħalla vojta.

3.3.3 *Isem xjentifiku*

Ipprovi l-isem xjentifiku tal-ispeċi. Għall-għasafar u għall-ispeċijiet tal-Anness II, IV u V uża l-isem tal-ispeċi kif previst fil-listi ta' kodiċijiet disponibbli fil-portal ta' referenza ta' Natura 2000.

3.3.4 *Data dwar is-sensittività tal-ispeċijiet*

F'dan il-kamp, indika jekk id-disponibbiltà għall-pubbliku tal-informazzjoni dwar speċi partikolari tistax tkun ta' ħsara għall-konservazzjoni tagħha, eżempju, għaliex tkun tista' tinġabar illegalment u d-disponibbiltà għall-pubbliku tal-informazzjoni li tidher fl-FSD (inkluż id-deskrizzjoni ġeospazjali tal-fruntieri tagħha) tista' żżid din it-theddida b'mod konkret.

Jekk speċi tiġi mmarkata bħala sensittiva, il-Kummissjoni ma tgharrafx lill-pubbliku dwar il-preżenza tal-ispeċi fuq is-sit minn jeddha (eżempju, billi tagħmel din l-informazzjoni fuq bażi ta' *data*, viżwalizzatur jew sit web disponibbli għall-pubbliku). Jekk l-informazzjoni dwar il-preżenza tal-ispeċi fxi sit partikolari tkun diġà disponibbli għall-pubbliku, eżempju fil-forma ta' informazzjoni online, l-immarkar tal-ispeċi bħala sensittiva ma huwiex ġustifikat.

3.3.5 *Nuqqas ta' preżenza*

L-ispeċi jitqiesu bħala mhux preżenti aktar fis-sit meta, eżempju, ikunu ilhom perjodu ta' żmien twil ma jiġu osservati fis-sit.

3.3.6 *Daqs u unità tal-popolazzjoni*

3.3.6.1 *Daqs tal-popolazzjoni*

Ipprovi *data* dwar il-popolazzjoni magħrufa. Jekk id-daqs tal-popolazzjoni jkun magħruf (jiġifieri valur wieħed eżatt), imla ż-żewġ subkampijiet (minimu u massimu) bl-istess valur. F'każ li jkun aktar xieraq li tingħata medda ta' popolazzjoni, imla l-kampijiet bil-valuri stmati għal-limitu baxx (minimu) u għal-limitu għoli (massimu) ta' din il-medda.

Meta ma tkunx taf il-medda ta' popolazzjoni imma teżisti informazzjoni dwar id-daqs minimu jew massimu tal-popolazzjoni, agħmel stima tal-valur tal-medda nieqes. Jekk jogħġbok innota li l-valuri minimi u massimi jenħtieġ li jirreferu għal medja ta' valuri ta' diversi snin u mhux għall-aktar valuri estremi.

3.3.6.2 *Unità tal-popolazzjoni*

L-unitajiet jenħtieġ li jkunu pari jew individwi kull fejn possibbli, inkella jekk jogħġbok segwi l-lista standard ta' unitajiet u kodiċijiet tal-popolazzjoni kif żviluppata għar-rapportar skont l-Artikolu 17 (id-Direttiva dwar il-Habitats) (ara l-portal ta' referenza ta' Natura 2000) fil-każ ta' għasafar jew speċi elenkati fl-Anness II, IV jew V tad-Direttiva dwar il-Habitats.

3.3.7 *Kategorija ta' abbondanza*

Meta ma teżistix *data* kwantitattiva, indika waħda mill-kategoriji li ġejjin:

Jistgħu jintużaw il-kategoriji ta' abbondanza li ġejjin:

☐ Komuni: l-ispeċi għandha daqs tal-popolazzjoni kbir fis-sit

- ☐ Rari: l-ispeċi ma hijiex abbondanti ħafna u lanqas frekwenti fis-sit, ta' popolazzjoni żgħira
- ☐ Rari ħafna: l-ispeċi hija skarsa, popolazzjoni żgħira ħafna jew okkażjonali fuq is-sit (ma tidhirx b'mod regolari)
- ☐ Preżenti: jenħtieġ li tintuża biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali ħafna meta lanqas biss ikun magħruf jekk l-ispeċi hijiex rari / rari ħafna jew komuni fuq is-sit.

3.3.8 Motivazzjoni

Il-motivazzjoni għall-elenkar ta' kull speċi trid tiġi pprovduta permezz tal-kategoriji li ġejjin:

- ☐ Speċijiet tal-Anness II tad-Direttiva dwar il-Habitats f'ŻPS
- ☐ Speċijiet tal-Anness IV tad-Direttiva dwar il-Habitats
- ☐ Speċijiet tal-Anness V tad-Direttiva dwar il-Habitats
- ☐ Speċijiet tal-ġhasafar tal-Anness I tad-Direttiva dwar l-ġhasafar f'SIKp, SIK, ŻSK
- ☐ Speċijiet tal-ġhasafar migratorji f'SIKp, SIK, ŻSK
- ☐ Speċijiet ipprojbti tal-Anness I tar-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi skont il-politika komuni tas-sajd ⁽³⁾ li ma humiex diġà protetti mid-Direttiva dwar il-Habitats
- ☐ Speċijiet elenkati fil-Listi Ħomor Nazzjonali
- ☐ Speċijiet elenkati fil-Listi Ħomor tal-UE
- ☐ Speċijiet elenkati fil-Listi Ħomor Globali
- ☐ Speċijiet endemiċi
- ☐ Speċijiet elenkati/protetti taħt Konvenzjonijiet internazzjonali bħall-konvenzjoni ta' Bern u l-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Animali Selvaġġi jew il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB)
- ☐ Speċijiet tipiċi tat-tipi ta' habitats tal-Anness I
- ☐ Parentela ta' għelejjel selvaġġi (CWR) / Riżorsi Ġenetiċi tal-Foresti (FGR)
- ☐ Speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni kif imsemmi fir-Regolament tal-UE 1143/2014 dwar speċi aljeni invażivi (IAS) ⁽⁴⁾
- ☐ Raġunijiet oħrajn

Huma possibbli entrati multipli ta' kategoriji. Aktar dettalji dwar il-motivazzjonijiet għall-elenkar ta' speċi individwali, speċjalment fir-rigward ta' "raġunijiet oħrajn", jistgħu jingħataw fit-taqsimha 4.2 li huwa kamp tat-test liberu li jista' jimtela għad-deskrizzjoni tal-kwalità u l-importanza tas-sit.

4 Deskrizzjoni tas-sit

4.1 Karatteristiċi tas-sit

Test liberu. Dan il-kamp jenħtieġ li jagħti "stampa" kumplessiva tas-sit. Il-karatteristiċi tas-sit jistgħu jibdwu b'deskrizzjoni tad-diviżjoni tas-sit fi klassijiet jew ekosistemi ta' habitats wiesgħa u l-karatteristiċi ta' importanza ġeoloġiċi, ġeomorfoloġiċi u tal-pajsaġġ ewlenin fis-sit. Jekk rilevanti, indika t-tipi dominanti ta' veġetazzjoni. Informazzjoni dwar żoni msaġġra lineari u f'forma ta' mużajk (eżempju, arbuxelli, buskeġġ, linji ta' siġar) jenħtieġ li tingħata wkoll meta jkun rilevanti.

Minbarra t-test liberu, ipprovidi t-tikketta tal-lingwa.

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi

4.2 **Kwalità u importanza tas-sit**

Test liberu. Daħħal deskrizzjoni kumplessiva tal-kwalità u l-importanza tas-sit għall-habitats u għall-ispeċijiet, fid-dawl tal-għanijiet ta' konservazzjoni tad-direttivi dwar in-natura.

Għal artijiet mistagħdra ta' importanza internazzjonali li normalment ikun fihom aktar minn 20 000 tajra tal-ilma, dan il-fatt jenħtieġ li jiddaħħal hawnhekk. Meta speċi tkun elenkata fit-Taqsima 3.3 bil-motivazzjoni "Raġunijiet oħrajn", l-inklużjoni tagħha tista' tiġi spjegata hawnhekk.

Minbarra t-test liberu, ipprovi t-tikketta tal-lingwa.

4.3 **Pressjonijiet fuq is-sit**

L-iskop ta' dan il-grupp ta' kampijiet huwa li jiddokumenta informazzjoni dwar l-aktar pressjonijiet u theddid importanti fuq is-sit. Jekk jogħġbok ikkunsidra wkoll il-pressjonijiet fuq is-sit mill-madwar tas-sit. L-informazzjoni jenħtieġ li tirrifletti l-aktar sitwazzjoni reċenti.

4.3.1 *Kodiċi tal-pressjoni*

Il-lista ta' pressjonijiet użata fl-FSD hija l-istess bħal dik użata għar-rapportar skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Habitats u l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Għasafar. Il-link għal din il-lista tista' tinstab fuq il-portal ta' referenza ta' Natura 2000.

4.3.2 *Klassifikazzjoni*

L-importanza relattiva ta' pressjoni trid tiġi kklassifikata fi tliet kategoriji:

- H: Importanza kbira: Influenza diretta jew immedjata kbira u/jew li taffettwa żoni kbar.
- M: Importanza medja: Influenza diretta jew immedjata medja, influenza fil-biċċa l-kbira indiretta u/jew li taffettwa parti moderata taż-żona biss.
- L: Importanza żgħira: Influenza diretta jew immedjata żgħira, influenza indiretta u/jew li taffettwa parti żgħira taż-żona jew taffettwa lokalment biss.

L-entrati tad-*data* għall-ogħla grad huma limitati għal massimu ta' ħamsa. L-għadd minimu obligatorju tal-entrati tad-*data* huwa pressjoni waħda. Indika speċifikament jekk ma jkunx hemm pressjonijiet li għandhom jiġu rrapportati. Fil-kategoriji (H jew M jew L), ma hemmx klassifikazzjonijiet. Jistgħu jitniżżlu sa limitu ta' 20 entrati tad-*data* għal pressjonijiet ta' importanza medja jew żgħira. Madankollu, huwa rrakkomandat li tiffoka fuq l-aktar pressjonijiet rilevanti għas-sit.

4.3.3 *Post fuq ġewwa/barra*

Indika f'dan il-kamp jekk il-pressjoni u t-theddida jinsabux fuq ġewwa jew fuq barra tas-sit ta' Natura 2000 jew it-tnejn.

4.3.4 *Pressjoni f'aktar dettall*

Test liberu. Minbarra l-kodiċi tal-pressjoni pprovdut f'4.3.1, f'dan il-kamp għandha tiġi pprovduta informazzjoni aktar dettaljata u speċifika. Din tista' tinkludi

- kategoriji aktar dettaljati mil-lista preċedenti ta' pressjonijiet jew
- speċifikazzjoni fuq liema habitat u/jew speċi hemm il-pressjoni jew
- jekk ikun hemm xi attivitajiet partikolari (eżempju pjanijiet jew proġetti), kontinwi jew ippjanati, li huma jew li jistgħu jikkostitwixxu pressjoni jew theddida għas-sit. Barra minn hekk, ipprovi t-tikketta tal-lingwa.

4.3.5 *Data tal-aġġornament*

Iridu jiġu pprovduti s-sena u x-xahar (SSSS-XX) li fihom l-informazzjoni fit-taqsima 4.3 (pressjonijiet fuq is-sit) ġiet aġġornata l-aħħar. L-aġġornamenti jirreferu għall-bidliet fil-kontenut u mhux għal korrezzjonijiet żgħar bħal tiswijiet tal-iżbalji jew l-iformattjar.

4.4 Dokumentazzjoni

Test liberu. Jekk disponibbli, għal kull sit issir referenza għall-pubblikazzjonijiet rilevanti u/jew *data* xjentifika dwar is-sit. L-informazzjoni jenħtieġ li ssir disponibbli skont il-konvenzjoni standard għar-referenzi xjentifiċi. Dan il-kamp jista' jintuża wkoll għal informazzjoni oħra li tkun importanti għad-dokumentazzjoni tas-sit. Barra minn hekk, ipprovi t-tikketta tal-lingwa.

4.4.1 Link(s)

Għal links għal riżorsi online, qis li, b'mod ġenerali, il-URLs jinbidlu spiss, u għalhekk għandek tevita li ddaħħal URLs li ma humiex stabbli.

4.4.2 Data tal-aġġornament

Ipprovi x-xahar u s-sena li fiha l-kamp 4.4 ġie aġġornat l-aħħar.

5 ĠESTJONI TAS-SIT

5.1 Korp responsabbli għall-ġestjoni tas-sit

Ipprovi l-informazzjoni ta' kuntatt uffiċjali tal-organizzazzjoni li hija responsabbli għall-ġestjoni tas-sit. Jenħtieġ li ma tingħata l-ebda informazzjoni personali f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Trid tiġi pprovduta waħda mill-kombinazzjonijiet li ġejjin:

- Isem l-organizzazzjoni (5.1.1) u indirizz postali (5.1.3) jew
- Isem l-organizzazzjoni (5.1.1) u indirizz tal-posta elettronika tal-kaxxa postali funzjonali (5.1.4) jew
- Isem l-organizzazzjoni (5.1.1) u sit web b'informazzjoni ta' kuntatt (5.1.5)

5.1.1 Isem l-organizzazzjoni

L-isem uffiċjali tal-organizzazzjoni li hija responsabbli għall-ġestjoni tas-sit.

5.1.2 Punt ta' kuntatt fl-organizzazzjoni (fakultattiv)

Punt ta' kuntatt tfisser speċifikazzjoni ulterjuri tal-parti tal-organizzazzjoni bħal dipartiment għall-konservazzjoni ta' natura jew rwol funzjonali speċifiku bħal "Unità ta' koordinazzjoni ta' Natura2000".

5.1.3 Indirizz postali

L-indirizz postali tal-organizzazzjoni jenħtieġ li jingħata f'kamp tat-test liberu skont l-istandard li jintuża fl-Istat Membru.

5.1.4 Indirizz tal-posta elettronika tal-kaxxa postali funzjonali

Jenħtieġ li jintużaw biss l-indirizzi tal-posta elettronika funzjonali f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

5.1.5 Sit web b'informazzjoni ta' kuntatt

Is-sit web jenħtieġ li jkun fih l-informazzjoni ta' kuntatt uffiċjali tal-organizzazzjoni. Sabiex jiġu evitati kwistjonijiet b'links li jinbidlu, ipprovi l-link biss mal-paġna tad-dħul ewlenija tal-organizzazzjoni, minn fejn ikun possibbli li tinnaviga lejn l-informazzjoni ta' kuntatt.

5.2 Pjanijiet ta' ġestjoni

Indika jekk jeżistix pjan speċifiku attwali għall-ġestjoni tas-sit jew jekk hux qiegħed jiġi mħejji xi wieħed. Filwaqt li wieħed jirrikonoxxi li l-pjanijiet ta' ġestjoni ma humiex rekwiżiti skont id-Direttiva, din l-informazzjoni hija importanti ħafna biex wieħed jifhem l-istrumenti li l-Istati Membri jużaw għall-ġestjoni tan-network tagħhom u biex jikseb aktar informazzjoni speċifika f'każ li din tkun meħtieġa.

5.2.1 *Eżistenza ta' pjan(ijiet) ta' ġestjoni*

Bl-użu ta' waħda mill-kategoriji ta' tweġibiet, trid tiġi mwiegħba l-mistoqsija li ġejja:

Jeżisti pjan ta' ġestjoni għas-sit?

- ☐ Iva (jekk iva, imla 5.2.2) jew
- ☐ Le, sit kopert parzjalment biss (imla 5.2.2) jew
- ☐ Le, iżda qiegħed jiġi mfassal jew
- ☐ Le, minħabba li pjan ta' ġestjoni ma huwiex meħtieġ (imla 5.2.3) jew
- ☐ Le, raġuni oħra (imla 5.2.3)

5.2.2 *Referenza u validità tal-pjan(ijiet) ta' ġestjoni*

Jekk ikun hemm pjan ta' ġestjoni attwali, niżżel ismu u link għar-riżorsi online rilevanti (eżempju link għall-paġna web ta' sistema ta' informazzjoni nazzjonali, link għal PDF, Identifikatur tal-Oġġett Diġitali -DOI). Tużax URIs iġġenerati b'mod dinamiku u huma ppreferuti URIs li jitqiesu bħala stabbli. Jekk ir-riżorsa ma tiġix identifikata b'URL permanenti, ipprovi link għall-paġna tat-tiftix jew għall-paġni ta' referenza li minnhom tista' tinkiseb l-informazzjoni pprovduta fl-FSD.

Jekk jogħġbok ipprovi wkoll il-validità tal-pjan ta' ġestjoni (is-sena u x-xahar tal-bidu u t-tul ta' żmien f'għadd ta' snin u xhur jew irrapporta d-durata bħala "mhux definita").

— Isem:

— URI:

— Validità: bidu: SSSS-XX u

durata: numru ta' xhur / jew mhux definit

F'każ li jeżistu diversi pjani ta' ġestjoni attwali għas-sit, ipprovi l-isem, l-URI u l-validità għal kull wieħed minnhom.

5.2.3 *Aktar spjegazzjonijiet*

F'każ li ma jkunx jeżisti pjan ta' ġestjoni u lanqas ma jkun qed jitħejja, ipprovi spjegazzjoni ulterjuri.

5.3 **Miżuri ta' konservazzjoni**

Ipprovi link(s) għal informazzjoni dwar miżuri dettaljati li jqisu l-oġġett ta' konservazzjoni segwiti (kamp 5.3.1) u wieġeb għall-mistoqsijiet dwar l-istatus tal-miżuri (kamp 5.3.2).

5.3.1 *Informazzjoni dettaljata dwar il-miżuri*

Informazzjoni dettaljata dwar il-miżuri tista' jew tiġi inkluża fil-pjanijiet ta' ġestjoni, tinżamm f'dokumenti separati jew tiġi spjegata aktar f'kamp tat-test liberu. Agħżel waħda mill-opzjonijiet ta' hawn taħt:

- Il-miżuri ta' konservazzjoni huma inklużi fil-pjan(ijiet) ta' ġestjoni li għalih(om) hija pprovduta link fit-taqsim 5.2.2 (iva/le)
- Il-miżuri ta' konservazzjoni huma deskritti fid-dokument(i) li ġej(jin)
 - Titolu
 - URI
- Aktar spjegazzjonijiet dwar miżuri ta' konservazzjoni dettaljati

5.3.2 *Stat tal-miżuri ta' konservazzjoni*

Jekk jogħġbok agħżel twegħba waħda fost l-opzjonijiet elenkati għall-mistoqsijiet ta' hawn taħt:

Il-miżuri meħtieġa (miżuri ta' darba u/jew miżuri rikorrenti) huma stabbiliti (jiġifieri identifikati u stabbiliti fuq bażi soda u, fejn rilevanti, fuq bażi ta' terminu twil)?

- ☐ stabbiliti bis-sħiħ (jiġifieri l-miżuri kollha meħtieġa stabbiliti) jew
- ☐ stabbiliti parzjalment (jiġifieri huma stabbiliti biss uħud mill-miżuri meħtieġa) jew
- ☐ mhux stabbiliti

Għal miżuri stabbiliti bis-sħiħ jew parzjalment, wieġeb il-mistoqsija ta' hawn taħt.

Il-miżuri stabbiliti (miżuri ta' darba u/jew miżuri rikorrenti) huma implimentati?

- ☐ implimentati kollha (għal miżuri ta' darba) u/jew kollha għadhom għaddejnin (għal miżuri rikorrenti) jew
- ☐ implimentati parzjalment biss (jiġifieri wħud biss mill-miżuri stabbiliti huma implimentati / parzjalment fis-seħħ) jew
- ☐ miżuri ta' darba mhux implimentati u/jew ma hemm l-ebda miżura rikorrenti fis-seħħ.

5.4 Effettività tal-ġestjoni

Iridu jitwieġbu ż-żewġ mistoqsijiet li ġejjin dwar l-effettività tal-ġestjoni:

- L-effettività tal-miżuri ta' konservazzjoni hija vvalutata perjodikament? [iva/le]
- Il-miżuri ta' konservazzjoni qed jilhqqu l-oġġetti ta' konservazzjoni stabbiliti? [iva/le/għadu/mhux magħruf minħabba nuqqas ta' valutazzjoni]

6 Rappreżentazzjoni ġeospazjali tas-sit

Minflok ma jipprovdu l-mappa tas-sit, l-Istati Membri huma mitluba jipprovdu r-rappreżentazzjoni ġeospazjali tal-fruntieri tas-sit, li se tintuża mis-servizzi tal-Kummissjoni u miż-ŻEE biex titfassal il-mappa tan-network Ewropew ta' Natura 2000.

Sabiex ikun hemm konformità mad-Direttiva INSPIRE (2007/2/KE), jeħtieġ li jinħoloq identifikatur uniku ta' INSPIRE li jikkonsisti fi spazju tal-isem u identifikatur lokali għas-sit. Il-verżjoni attwali tad-definizzjonijiet tal-identifikatur ta' INSPIRE (il-kamp tal-isem, l-identifikatur lokali u l-identifikatur tal-verżjoni) tapplika.

6.1 Identifikatur ta' INSPIRE

L-identifikatur ta' INSPIRE jenħtieġ li jkun stabbli (l-istess kundizzjonijiet bħall-kodiċi tas-sit) u normalment jintuża biex jidentifika b'mod ċar l-oġġett fid-dominju speċifiku tiegħu. It-tliet komponenti tal-identifikatur ta' INSPIRE (6.1.1-3) huma definiti mill-fornitur tal-implimentazzjoni ta' INSPIRE fil-pajjiżi. Hija meħtieġa koordinazzjoni fil-livell nazzjonali.

6.1.1 Spazju tal-isem

L-ispace tal-isem irid jidentifika unikament is-sors tad-*data* tal-oġġett spazjali. Jeħtieġ li jkun uniku fl-infrastruttura nazzjonali kollha tal-INSPIRE.

6.1.2 Identifikatur lokali

L-identifikatur lokali huwa assenjat mill-fornitur tad-*data*. L-identifikatur lokali jrid ikun uniku fl-ispace tal-isem: jiġifieri l-ebda oġġett spazjali ieħor ma jkollu l-istess identifikatur uniku.

6.1.3 Identifikatur tal-verżjoni (*fakultattiv*)

L-identifikatur tal-verżjoni partikolari tal-oġġett spazjali Jekk l-ispeċifikazzjoni ta' tip ta' oġġett spazjali b'identifikatur tal-oġġett estern tinkludi informazzjoni dwar iċ-ċiklu tal-ħajja, l-identifikatur tal-verżjoni jintuża biex jiddistingwi bejn il-verżjonijiet differenti ta' oġġett spazjali. Fis-sett tal-verżjonijiet kollha ta' oġġett spazjali, l-identifikatur tal-verżjoni huwa uniku.

Appendiċi

Tabella tal-kontenut tal-portal ta' referenza ta' Natura 2000

1. Listi ta' kodiċijiet għall-kampijiet tal-Formola Standard tad-Data

- 1) Titolu: Tip ta' sit (kamp tal-FSD 1.1)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 2) Titolu: Kodiċijiet tal-pajjiżi (kamp tal-FSD 1.2)
Miżmum minn: L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO)
- 3) Titolu: Raġuni għad-differenza fl-erja mas-sett ta' data spazjali (kamp tal-FSD 2.1.2)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 4) Titolu: Reġjuni NUTS, livell 2 (kamp tal-FSD: 2.2)
Miżmum minn: Eurostat
- 5) Titolu: Reġjuni bijoġeografiċi u reġjuni marini fl-Ewropa (kamp tal-FSD: 2.3.1)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 6) Titolu: Kodiċi tal-ħabitat għall-ħabitats elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE (kamp tal-FSD 3.1.1)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 7) Titolu: Nuqqas ta' preżenza (qasam FSD: 3.1.3 u 3.2.5)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 8) Titolu: Metodu użat għall-kopertura/għad-daqs tal-popolazzjoni (kampijiet tal-FSD 3.1.6 u 3.2.9)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 9) Titolu: Rappreżentattività (kamp tal-FSD 3.1.9)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 10) Titolu: Superfiċe relattiva / Popolazzjoni (kampijiet tal-FSD 3.1.10 u 3.2.13)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 11) Titolu: Grad ta' konservazzjoni – ħabitats (kampijiet tal-FSD 3.1.12.1, 3.1.12.2 u 3.1.12.3)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 12) Titolu: Grad ta' konservazzjoni – speċijiet (kampijiet tal-FSD 3.2.15.1, 3.2.15.2 u 3.2.15.3)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 13) Titolu: Obiettivi ta' konservazzjoni – ħabitats (kamp tal-FSD 3.1.13)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 14) Titolu: Obiettivi ta' konservazzjoni – speċijiet (kamp tal-FSD 3.2.16)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 15) Titolu: Iżolament (kamp tal-FSD 3.2.18)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)

- 16) Titolu: Globali (kampijiet tal-FSD 3.1.15 u 3.2.19)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 17) Titolu: Grupp tal-ispeċijiet (kampijiet tal-FSD 3.2.1 u 3.3.1)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 18) Titolu: Lista ta' kodiċijiet u tal-ismijiet tal-ispeċijiet għall-ispeċijiet skont id-Direttiva 92/43/KEE (l-Anness II, IV, V) u l-ispeċijiet tal-għasafar skont id-Direttiva 2009/147/KE (kampijiet tal-FSD 3.2.2, 3.2.3, 3.3.2 u 3.3.3)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 19) Titolu: Tip ta' popolazzjoni (kamp tal-FSD 3.2.6)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 20) Titolu: Unità tal-popolazzjoni (kampijiet tal-FSD 3.2.7.2 u 3.3.6.2)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 21) Titolu: Kategoriji ta' abbondanza (kampijiet tal-FSD 3.2.8 u 3.3.7)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 22) Titolu: Motivazzjoni (kamp tal-FSD 3.3.8)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 23) Titolu: Lista ta' referenza ta' pressjonijiet, f'konformità mar-rapportar tal-Artikolu 17 (kamp tal-FSD 4.3.1)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 24) Titolu: Klassifikazzjoni (kamp tal-FSD 4.3.2)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 25) Titolu: Post (kamp tal-FSD 4.3.3)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 26) Titolu: Eżistenza ta' pjanijiet ta' ġestjoni (kamp tal-FSD 5.2.1)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 27) Titolu: Status tal-miżuri ta' konservazzjoni (kamp tal-FSD 5.3.2)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 28) Titolu: Effettività tal-ġestjoni (kamp tal-FSD 5.4)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 29) Titolu: Nomenklatura standardizzata ISO639 użata għall-klassifikazzjoni tal-lingwi (li għandha tintuża fit-tikketti tal-lingwi kollha tal-FSD)
Miżmum minn: Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni

2. Dokumenti (l-aktar verżjonijiet reċenti)

- 1) Titolu: Lista ta' SIK għal kull reġjun bijoġeografiku (listi ta' referenza ta' Natura 2000)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
- 2) Titolu: Manwal ta' Interpretazzjoni tal-Habitats tal-Unjoni Ewropea
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)

- 3) Titolu: Irtirar tad-deżinjazzjoni tas-siti jew ta' partijiet mis-siti – kundizzjonijiet u ġustifikazzjonijiet
Miżmum minn: DĠ Ambjent
 - 4) Titolu: Ġustifikazzjoni għall-irtirar tad-deżinjazzjoni tas-siti ta' Natura 2000 (format)
Miżmum minn: DĠ Ambjent
 - 5) Titolu: Ġustifikazzjoni għall-korrezzjoni tal-fruntieri ta' sit ta' Natura 2000 (format)
Miżmum minn: DĠ Ambjent
 - 6) Titolu: Ġustifikazzjoni għat-tneħħija tal-habitats u tal-ispeċijiet mis-suġġett tal-protezzjoni fis-siti ta' Natura 2000
Miżmum minn: DĠ Ambjent
 - 7) Titolu: Identifikatur tal-INSPIRE għal Natura 2000)
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
 - 8) Titolu: Linji gwida tekniċi u amministrattivi obbligatorji dwar il-preżentazzjoni tad-*data* ta' Natura 2000 lill-Kummissjoni
Miżmum minn: DĠ Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)
-